IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
COM(2021) 554 final

2021/0201 (COD)
**SENSITIVE**[*]
*UNTIL ADOPTION*

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 554 final} - {SWD(2021) 551 final} - {SWD(2021) 609 final} - {SWD(2021) 610 final}

[*] Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions https://europa.eu/!db43PX

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-**Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew**[1] nediet strateġija ta' tkabbir ġdida għall-UE li għandha l-għan li tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. Din tafferma mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li żżid il-miri klimatiċi tagħha u li tagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Barra minn hekk, din timmira li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

L-indirizzar tat-tibdil fil-klima huwa sfida urġenti. F'konformità mas-sejbiet xjentifiċi tar-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), jeħtieġ li jinkisbu emissjonijiet globali ta' $CO_2$ żero netti madwar l-2050, u n-newtralità għall-gassijiet serra l-oħrajn kollha aktar tard fis-seklu. Din l-isfida urġenti tirrikjedi li l-UE żżid l-azzjoni tagħha u turi tmexxija globali billi ssir newtrali għall-klima sal-2050. Dan l-objettiv huwa stabbilit fil-Komunikazzjoni "**Pjaneta Nadifa għal Kulħadd** - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima"[2].

Abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar **It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030**[3] ipproponiet li tiżdied l-ambizzjoni tal-UE u ressqet pjan komprensiv biex tiżdied il-mira vinkolanti tal-Unjoni Ewropea għall-2030 lejn tnaqqis fl-emissjonijiet netti b'mill-inqas 55 %, b'mod responsabbli. It-tkabbir tal-ambizzjoni għall-2030 issa jgħin biex tingħata ċertezza lil dawk li jfasslu l-politika u lill-investituri, sabiex id-deċiżjonijiet li jittieħdu fis-snin li ġejjin ma jorbtux livelli tal-emissjonijiet li jkunu inkonsistenti mal-objettiv tal-UE li nkunu newtrali għall-klima sal-2050. Il-mira għall-2030 hija konformi mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm taħt iż-2 °C u li jiġu segwiti l-isforzi biex din tinżamm għal 1,5 °C.

Il-Komunikazzjoni tipproponi li nimxu lejn kontribut aktar strett mis-settur tal-LULUCF u, bħala pass ulterjuri, li l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-$CO_2$ jingħaqdu mas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid (li jkopri l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, mill-forestrija u minn użu ieħor tal-art). Dan jista' jippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u jippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-UE. L-analiżi li tirfed il-Komunikazzjoni turi li s-settur tal-art ikollu l-potenzjal li jsir newtrali għall-klima sa madwar l-2035 b'mod kosteffettiv, u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti tas-$CO_2$ milli emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Il-Kunsill Ewropew approva l-mira vinkolanti l-ġdida tal-UE għall-2030 fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2020[4]. Dan talab ukoll lill-Kummissjoni "*biex tivvaluta kif is-setturi ekonomiċi kollha jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-mira tal-2030 u biex tressaq il-proposti*

---

1 COM(2019) 640 final.
2 COM(2018) 773 final.
3 COM(2020) 690 final.
4 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10-11 ta' Diċembru 2020 EUCO 22/20 CO EUR 17 CONCL 8.

*meħtieġa akkumpanjati minn eżami fil-fond tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-livell tal-Istati Membri, filwaqt li tqis il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima u tirrieżamina l-flessibbiltajiet eżistenti*".

Għal dan il-għan, il-**Liġi Ewropea dwar il-Klima** tagħmel il-mira tan-newtralità klimatika tal-UE legalment vinkolanti, u żżid l-ambizzjoni għall-2030 billi tistabbilixxi l-mira ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990.

Sabiex issegwi l-perkors propost fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u ġġib dan il-livell ogħla ta' ambizzjoni għall-2030, il-Kummissjoni rieżaminat il-leġiżlazzjoni dwar il-klima u l-enerġija fis-seħħ bħalissa li hija mistennija li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'40 % sal-2030 u b'60 % sal-2050.

Dan il-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-Mira ta' 55 %", kif imħabbar fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika tal-Kummissjoni, huwa l-aktar element kostitwenti komprensiv fl-isforzi biex tiġi implimentata l-mira klimatika ambizzjuża l-ġdida għall-2030, u s-setturi u l-politiki ekonomiċi kollha se jkunu meħtieġa jagħtu l-kontribut tagħhom.

Il-qafas regolatorju inizjali għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF), kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/841, ġie adottat fl-2018 u jkopri l-emissjonijiet u l-assorbimenti tas-$CO_2$ u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-$CH_4$ u tal-$N_2O$ li jirriżultaw mill-ġestjoni tal-art, tal-foresti u tal-bijomassa matul il-perjodu mill-2021 sal-2030. Dan jikkontribwixxi għall-mira preċedenti tal-Unjoni ta' tnaqqis fl-emissjonijiet b'mill-inqas 40 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990, billi jiġi żgurat li s-somma tal-emissjonijiet totali ma taqbiżx is-somma tal-assorbimenti totali ġġenerati mis-settur wara l-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi u tal-flessibbiltà mas"-settur tal-kondiviżjoni tal-isforzi" (jew l-ESR) stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/842.

Il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2018/841 bħala parti mill-pakkett "Lesti "% għall-Mira ta' 55għandha l-għan li ssaħħaħ il-kontribut tas-settur tal-LULUCF għaż-żieda fl-ambizzjoni klimatika globali għall-2030. Għal dan l-għan, il-proposta: tistabbilixxi l-mira globali tal-Unjoni tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF għal 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ fl-2030; issaħħaħ l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art u ttejjeb ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ bl-użu ta' teknoloġiji diġitali; tallinja l-objettivi ma' inizjattivi ta' politika relatati tal-bijodiversità u tal-bijoenerġija; tiddetermina l-mira tal-Unjoni tan-newtralità klimatika għall-2035 fis-settur tal-art (li tgħaqqad flimkien is-settur tal-LULUCF u s-settur agrikolu mhux tas-$CO_2$); u timpenja lill-Kummissjoni biex sal-2025 tagħmel proposti għal kontributi nazzjonali għall-mira tal-2035.

L-emenda proposta tintroduċi biss bidliet minuri u mhux sostantivi fil-qafas regolatorju tal-LULUCF għall-ewwel perjodu ta' konformità, jiġifieri mill-2021 sal-2025. B'kuntrast għal dan, isseħħ bidla sinifikanti fil-bidu tat-tieni perjodu ta' konformità mill-2026 sal-2030. Sabiex jiġu ssimplifikati l-implimentazzjoni u l-konformità, ir-regoli kontabilistiċi tal-art ispirati minn Kjoto mhux se jibqgħu jiġu applikati wara l-2025, u l-flessibbiltà bejn is-settur tal-LULUCF u mas"-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi" se tiġi aġġustata, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-mira globali tal-Unjoni tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ se titqassam bejn l-Istati Membri bħala miri nazzjonali annwali għall-perjodu mill-2026 sal-2030, u se tkun ibbażata fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati fl-inventarji tal-gassijiet serra u fiż-żoni tal-art ġestita. Se tiġi introdotta sistema ġdida ta' governanza tal-konformità mal-miri u se jiġi aġġustat il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà fl-użu tal-art li jindirizza r-riskju ta' nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri. Mill-2031 'il quddiem, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament se jiġi estiż biex jinkludi l-emissjonijiet mhux tas-$CO_2$ mis-settur agrikolu, u

b'hekk ikopri l-qafas kollu tas-settur tal-art għall-ewwel darba bi strument ta' politika wieħed dwar il-klima.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" dwar il-klima u l-enerġija huwa pass komprensiv fit-tiġdid tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni biex tiġi allinjata maż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-UE. L-inizjattivi kollha fil-pakkett huma interkonnessi mill-qrib.

Din il-proposta leġiżlattiva tikkomplementa l-proposti li saru fil-pakkett u żżomm konsistenza ma':

(a) Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE dwar l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS)[5];

(b) Ir-Regolament (UE) 2018/842 dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi[6];

(c) L-Emenda tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli[7] biex tiġi implimentata l-ambizzjoni tal-mira klimatika l-ġdida għall-2030;

Hemm ukoll interkonnessjonijiet b'saħħithom ma' inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura, it-titjib tar-reżiljenza tal-foresti tal-UE għat-tibdil fil-klima, ir-restawr ta' art u ekosistemi degradati, it-tixrib mill-ġdid ta' torbieri u l-promozzjoni tal-bijoekonomija, inkluż l-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità:

a) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[8];

b) L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[9];

c) [L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti[10]];

d) [Il-Miri tal-UE għar-Restawr tan-Natura][11];

e) L-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[12];

f) L-Istrateġija tal-UE biex Jitnaqqsu l-Emissjonijiet tal-Metan[13];

g) [L-Istrateġija tal-UE għall-Ħamrija[14]];

h) Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa[15];

---

5 Id-Direttiva 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

6 Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

7 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

8 COM(2020) 380 final.

9 COM/2020/381 final.

10 […]

11 […]

12 COM/2021/82 final.

13 COM/2020/663 final.

14 […]

15 COM/2018/673 final

i) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva[16];

j) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero[17];

k) Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE[18].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposti tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE u jgħinu lill-UE tilħaq iż-żieda fil-mira għall-2030 u tranżizzjoni b'suċċess u ġusta lejn l-objettiv ta' newtralità klimatika sal-2050, kif iddikjarat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Bħala tali, din l-inizjattiva hija marbuta ma' ħafna oqsma ta' politika oħrajn, inkluż il-politiki esterni tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni qed ittejjeb il-linji gwida tagħha għal regolamentazzjoni aħjar u l-għodod ta' appoġġ bl-objettiv li l-inizjattivi kollha tal-UE jissodisfaw ġurament ekoloġiku li ma jagħmlu "l-ebda ħsara".

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi. L-appoġġ jingħata fuq talba u jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inkluż il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, it-tranżizzjoni ekoloġika u kwistjonijiet relatati mal-LULUCF.

Is-settur tal-LULUCF huwa konness mal-ekosistemi u mal-attivitajiet ekonomiċi kollha li jiddependu mill-art u mis-servizzi li dan jipprovdi. Għalhekk, ir-Regolament dwar il-LULUCF jippreżenta sinerġiji ma' politiki oħrajn tal-UE li jkopru attivitajiet relatati mal-art, prinċipalment il-Politika Agrikola Komuni[19], politiki ambjentali u l-politika dwar l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). F'konformità mal-Artikoli 191 u 192(1) tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu, *inter alia*, l-objettivi li ġejjin: il-preżervazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu ttrattati problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera li ma tistax tissolva b'azzjoni nazzjonali jew lokali biss. Il-koordinazzjoni tal-azzjoni klimatika trid isseħħ fil-livell Ewropew u, meta jkun possibbli, fil-livell globali. L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata abbażi tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Mill-1992, l-Unjoni Ewropea ħadmet biex tiżviluppa soluzzjonijiet konġunti u biex tmexxi 'l quddiem azzjoni globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. B'mod aktar speċifiku, l-azzjoni fil-livell tal-UE se tipprovdi twettiq kosteffettiv tal-objettivi għall-2030 u fit-tul ta' tnaqqis fl-emissjonijiet filwaqt li

16 COM/2020/98 final.
17 COM/2021/400 final.
18 COM/2021/[345] final.
19 COM/2018/392 final.

tiżgura l-ġustizzja u l-integrità ambjentali. L-Artikoli 191 sa 193 tat-TFUE jikkonfermaw u jispeċifikaw il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima.

Żieda fil-mira tal-2030 għat-tnaqqis fil-gassijiet serra tal-UE se jkollha impatt fuq il-biċċa l-kbira tas-setturi, jekk mhux is-setturi kollha, fl-ekonomija kollha tal-UE. Barra minn hekk, iż-żieda ta' dik il-mira tista' tirrikjedi tweġibiet ta' politika f'ħafna oqsma, inkluż lil hinn mill-politika dwar il-klima, il-forestrija u l-użu tal-art. L-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri skont il-qafas tar-Regolament dwar il-LULUCF għandhom rabtiet qawwija ma' politiki oħrajn, b'mod partikolari l-agrikoltura, il-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ħabitats, l-adattament, kif ukoll il-politika dwar l-enerġija minħabba l-aspetti tal-enerġija rinnovabbli. L-interdipendenzi bejn il-politiki differenti involuti għandhom impatt transnazzjonali, il-miri għat-tnaqqis u l-assorbiment tal-emissjonijiet jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru, u l-prinċipji, li abbażi tagħhom l-Istati Membri se jirrapportaw dwar il-kisbiet tagħhom u jkejlu l-progress tagħhom lejn l-ilħuq tal-miri individwali tagħhom u tal-miri tal-UE kollha kemm hi huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999[20]. L-azzjoni fil-livell tal-UE hija indispensabbli u l-politiki koordinati tal-UE għandhom ċans ħafna akbar li jwasslu għal trasformazzjoni vera lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiġi implimentata l-mira tal-UE għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perjodu mill-2021 sal-2030 b'mod kosteffettiv, filwaqt li jiġu żgurati l-ġustizzja u l-integrità ambjentali.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistabbilixxi l-mira klimatika vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għal tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2030. Din il-proposta tkopri parti kbira minn dawn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u tirrevedi r-Regolament dwar il-LULUCF sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.

- **Għażla tal-istrument**

L-objettivi ta' din il-proposta jistgħu jiġu segwiti bl-aħjar mod permezz ta' emenda tar-Regolament eżistenti dwar il-LULUCF, li tintroduċi bidliet fil-qafas leġiżlattiv stabbilit sabiex tinkiseb żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni u tiġi żgurata l-applikabbiltà diretta u uniformi tad-dispożizzjonijiet madwar l-Unjoni kollha fl-istess ħin.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-Regolament dwar il-LULUCF daħal fis-seħħ fl-2018 iżda ilu japplika mill-bidu tal-2021, u għalhekk s'issa saru biss l-ewwel passi fit-tħejjija għall-implimentazzjoni tiegħu; dawn l-attivitajiet enfasizzaw xi sfidi fl-implimentazzjoni. B'mod partikolari, l-analiżi tal-pjanijiet

[20] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima (NECPs)[21] kif imressqa mill-Istati Membri fl-aħħar tal-2019 uriet li s-settur tal-LULUCF għad irid jiġi ttrattat bħala komponent integrat tal-istrateġiji klimatiċi tal-Istati Membri. Il-proċess tal-istabbiliment tal-Livelli ta' Referenza għall-Foresti għal kull Stat Membru żvela l-isfidi wara l-implimentazzjoni ta' din ir-regola kontabilistika kumplessa, u l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet biex jiġu appoġġati għadd kbir ta' Stati Membri fit-tħejjija għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-LULUCF enfasizzaw l-isfidi wara d-diskrepanzi fis-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu ġiet ippubblikata għall-feedback fid-29 ta' Ottubru 2020 għal erba' ġimgħat, u rċeviet total ta' 93 tweġiba. Barra minn hekk, sabiex tiġbor l-evidenza u tiżgura trasparenza akbar, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni pubblika għal kull waħda mill-proposti mit-13 ta' Novembru 2020 sal-5 ta' Frar 2021; il-konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-LULUCF irċeviet 235 rispondent. Dawn indikaw preferenza għal miri ta' assorbiment aktar ambizzjużi għas-settur tal-LULUCF, għażla magħżula minn 45 % tar-rispondenti (l-aktar l-akkademiċi, iċ-ċittadini tal-UE u l-NGOs). Fit-tieni post, il-miri integrati għas-settur tal-art kienu ppreferuti minn 35 % tar-rispondenti, l-aktar mis-settur privat. It-tisħiħ tal-flessibbiltà mal-ESR kien l-aktar għażla ppreferuta fost 20 % tar-rispondenti, l-aktar l-awtoritajiet pubbliċi. Sommarju dettaljat tal-feedback għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu u tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika huma ppreżentati fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt għal din il-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni kwantitattiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali hija bbażata fuq immudellar integrat tal-użu ekonomiku tal-art mill-IIASA mal-GLOBIOM u l-G4M. Ix-xenarju tal-politika (MIX) iqis id-domandi probabbli għall-bijomassa minn setturi oħrajn u jsegwi s-suppożizzjonijiet tax-xenarju tal-1.5TECH tal-istrateġija fit-tul tal-UE[22,23]. Ix-xenarju tal-MIX jipprevedi li l-bir nett tal-LULUCF sal-2030 se jkun f'livelli simili bħal fil-perjodu 2016-2018. L-impatt tal-miżuri speċifiċi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet jew għal assorbimenti mtejba ġie immudellat b'kurvi tal-kost għat-tnaqqis marġinali. Din l-analiżi wriet li żidiet sinifikanti fil-bir tal-art jistgħu jinkisbu b'kostijiet relattivament baxxi (EUR 5-10/tunnellata ta' $CO_2$). Din uriet ukoll li t-tnaqqis kosteffiċjenti fl-emissjonijiet jirrikjedi azzjoni fuq l-użu kollu tal-art, bħal ġestjoni forestali mtejba, l-afforestazzjoni, l-evitar tad-deforestazzjoni għall-artijiet forestali, it-twarrib tal-użu tal-art f'ħamrija organika u strateġiji mtejba ta' ġestjoni tar-raba' għall-artijiet agrikoli.

L-informazzjoni dwar il-kontribut tas-settur tal-LULUCF għall-Patt Ekoloġiku nkisbet permezz ta' kuntratt ta' servizz li sar minn konsorzju ta' esperti esterni, u li ffoka fost kompiti oħrajn fuq problemi, objettivi u għażliet għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-LULUCF u għall-analiżi tar-rapporti mressqa mill-Istati Membri skont id-Deċiżjoni dwar il-LULUCF (529/2013).

Inġabret informazzjoni addizzjonali permezz ta' diversi studji esterni bħall-istudju ta' konformità tal-LULUCF, il-bini tal-kapaċitajiet għall-inventarji tal-gassijiet serra, l-istudju pilota dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, eċċ.

---

21 COM/2020/564 final, https://europa.eu/!xc64CH

22 COM(2018) 773 final: Pjaneta Nadifa għall-Kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima.

23 In-Depth Analysis in Support of the Commission Communication COM(2018) 773.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt għall-inizjattivi differenti huma bbażati fuq xenarji integrati ta' immudellar li jirriflettu l-interazzjoni ta' strumenti ta' politika differenti fuq l-operaturi ekonomiċi, sabiex jiġu żgurati l-komplementarjetà, il-koerenza u l-effettività fl-ilħuq tal-ambizzjoni klimatika tal-2030 u l-2050.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta tikkomplementa l-analiżi li saret fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2020 li tappoġġa l-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030. Din ifformat il-bażi analitika biex jiġi stabbilit l-objettiv ta' tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990, l-objettiv ta' newtralità klimatika fis-settur tal-art għall-2035, u l-objettiv ta' newtralità klimatika fl-Unjoni kollha sal-2050.

Barra minn hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta tħejjiet u ġiet żviluppata f'konformità mal-gwida applikabbli għal Regolamentazzjoni Aħjar u mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju li ta opinjoni pożittiva b'xi riżervi fid-19 ta' April 2021. It-titjib rakkomandat issuġġerit mill-Bord ġie indirizzat fil-verżjoni finali.

*Problemi u objettivi*

Il-Valutazzjoni tal-Impatt identifikat tliet problemi ewlenin, bil-fatturi ewlenin u l-objettivi korrispondenti.

L-ewwel problema hija li l-assorbimenti tal-karbonju fis-settur tal-art kienet qed tonqos f'dawn l-aħħar snin: minħabba żieda fir-rati tal-ħsad relatati mad-domanda għall-injam u mat-tixjiħ tal-foresti, emissjonijiet kontinwi mill-ħamrija organika, diżastri naturali u nuqqas ta' inċentivi ta' politika u finanzjament. Għaldaqstant, l-ewwel objettiv ta' din il-proposta huwa li twaqqaf u tibdel din it-tendenza, f'konformità ma' ambizzjoni li jinkiseb settur tal-art newtrali għall-klima fl-2035.

It-tieni problema hija l-integrazzjoni insuffiċjenti tas-settur tal-art fil-politiki dwar il-klima, minħabba l-fatt li s-setturi tal-Agrikoltura u tal-LULUCF ma għandhom l-ebda mira integrata, huma koperti minn żewġ biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni, u huma konnessi permezz ta' regoli tal-flessibbiltà li ppreżentaw xi limitazzjonijiet. L-objettiv korrispondenti huwa li jiġi żgurat qafas ta' politika dwar il-klima ġust, flessibbli u integrat biex jinċentiva tfassil ta' politika u implimentazzjoni effettivi, u biex itejjeb l-azzjoni ta' mitigazzjoni kosteffiċjenti u sinerġistika fis-settur tal-art. Dan huwa ta' importanza partikolari minħabba l-potenzjal għoli li jiżdiedu s-sinerġiji bejn il-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-miżuri ta' protezzjoni ambjentali relatati mal-ġestjoni tal-art kemm f'żoni agrikoli u forestali kif ukoll f'żoni naturali u seminaturali. Kemm ir-restawr ta' ekosistemi għonja fil-karbonju kif ukoll l-użu sostenibbli tal-ħamrija u tal-foresti se jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-klima u tal-bijodiversità.

It-tielet problema hija li r-regoli kontabilistiċi, tal-monitoraġġ u tar-rapportar kif stabbiliti fir-Regolament attwali dwar il-LULUCF jippreżentaw sfidi fl-implimentazzjoni: b'mod partikolari, il-proċess biex jiġu stabbiliti Livelli ta' Referenza għall-Foresti wera li huwa ta' piż u għad hemm ħafna diskrepanzi fl-akkuratezza tal-istimi tal-LULUCF. Din il-problema tikkorrispondi għal objettiv li jiġu ssimplifikati r-regoli kontabilistiċi u li jiġu sfruttati l-opportunitajiet maħluqa mit-teknoloġiji tal-monitoraġġ tal-art u mis-settijiet tad-*data* eżistenti biex tiġi mmonitorjata aħjar il-prestazzjoni klimatika tas-settur tal-LULUCF.

*Għażliet ta' politika*

Wara din l-analiżi u l-elementi deskritti fil-Komunikazzjoni dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, il-Valutazzjoni tal-Impatt iddeskriviet tliet għażliet.

L-ewwel għażla tħares lejn modi alternattivi għat-tfassil tal-miri nazzjonali tal-LULUCF, jekk wieħed jassumi li ma jeżisti l-ebda mezz ta' flessibbiltà bejn is-settur tal-LULUCF u s-setturi tal-ESR. Mod wieħed propost biex isir dan huwa li jiġi ssimplifikat il-parametru referenzjarju kontabilistiku għall-artijiet forestali ġestiti billi tintuża medja storika minflok il-Livell ta' Referenza għall-Foresti. Mod ieħor huwa li tiġi stabbilita mira ta' assorbiment unika bbażata fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha rrapportati fl-inventarju u li din titqassam fost l-Istati Membri skont l-emissjonijiet u l-assorbimenti reċenti u ż-żona tal-art ġestita; il-mira tal-UE hija stabbilita f'konformità ma' trajettorja lejn settur tal-art newtrali għall-klima fl-2035.

It-tieni għażla tistabbilixxi wkoll mira ta' assorbiment unika bbażata fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati, iżda din tipproponi mira aktar baxxa tal-UE għall-2030 li tikkorrispondi għall-prestazzjoni reċenti tas-settur tal-LULUCF (jiġifieri l-medja tal-2016-2018); billi żżid il-possibbiltà li jiġu ġġenerati krediti tal-LULUCF għall-konformità mal-miri tal-ESR, din l-għażla toħloq inċentivi biex jinqabżu l-miri tal-LULUCF, li potenzjalment jilħqu livell ta' assorbimenti f'konformità ma' trajettorja lejn settur tal-art newtrali għall-klima fl-2035.

It-tielet għażla tgħaqqad flimkien l-emissjonijiet mis-settur tal-Agrikoltura u l-emissjonijiet u l-assorbimenti mis-settur tal-LULUCF taħt pilastru wieħed tas-"settur tal-art", u fiha tliet elementi: proċess ta' ppjanar biex tiġi żgurata n-newtralità klimatika bbażata fuq l-art fl-2035, miri vinkolanti nazzjonali għas-settur tal-art fl-2030, u miri vinkolanti nazzjonali għas-settur tal-art fl-2035.

L-għażla ppreferuta hija li fl-2030 jiġu kkombinati miri nazzjonali simplifikati u aktar ambizzjuż tal-LULUCF (bħal fl-Għażla 1.2 jew fl-Għażla 2, skont il-miri tal-ESR) b'objettiv fl-UE kollha ta' newtralità klimatika bbażata fuq l-art fl-2035. L-għażla ppreferuta fiha wkoll proċess ta' ppjanar għall-mitigazzjoni bbażata fuq l-art, miri nazzjonali dwar l-art għall-2035 li għandhom jiġu stabbiliti fi stadju aktar tard, u rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar imtejba.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-proposta tħejjiet b'mod inklużiv, abbażi tat-trasparenza u tal-involviment kontinwu mal-partijiet ikkonċernati.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[24]. B'mod partikolari, hija tikkontribwixxi għall-objettiv ta' livell għoli ta' ħarsien ambjentali f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

[24] ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji għall-Istati Membri huma relatati mal-possibbiltà ta' skambjar tas-surpluses meta dawn jaqbżu l-miri tagħhom, u mal-ħtieġa ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' kwalità għolja fis-settur tal-LULUCF li jinvolvu eż. l-użu mill-ġdid ta' programmi tal-UE (eż. Copernicus) u ta' sorsi tad-*data* diġà użati għal politiki oħrajn.

Din il-proposta tipprevedi rieżami komprensiv, fl-2025, tad-*data* fl-inventarju nazzjonali sottomessa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 ("ir-Regolament dwar il-Governanza"). Ir-rieżami se jippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina l-miri annwali tal-LULUCF għall-Istati Membri għall-perjodu 2026-2030, abbażi tal-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' kull Stat Membru matul is-snin 2021, 2022 u 2023. Ir-rieżami se jaġġorna wkoll il-perkors tal-allokazzjoni tal-emissjonijiet għall-2030 għall-ESR u se jirrevedi l-allokazzjonijiet annwali għas-snin mill-2026 sal-2030. Barra minn hekk, se jinżamm ir-rieżami komprensiv tal-2027 għall-fini tal-konformità prevista fir-Regolament dwar il-Governanza. Dawn il-kompiti se jirrikjedu l-appoġġ ta' kuntrattur estern, għal prezz stmat ta' EUR 2 miljun għal kull rieżami (2025, 2027).

Se tkun meħtieġa wkoll leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi regoli dettaljati relatati mal-LULUCF dwar ir-Reġistru tal-Unjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u l-verifika tar-rapporti tal-konformità. L-implimentazzjoni se tirrikjedi żviluppi elaborati tal-IT fir-Reġistru tal-Unjoni biex jiġu ttrattati tipi ġodda ta' kwoti marbuta mal-flessibbiltà tal-LULUCF-ESR, u operaturi ġodda (l-Istati Membri).

Barra minn hekk, wara l-bidla fl-2026 tal-mekkaniżmu ta' rapportar u ta' konformità, l-implimentazzjoni se tirrikjedi forniment imtejjeb u msaħħaħ ta' monitoraġġ permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ta' servizzi relatati tad-*data* taħt il-programm Copernicus.

L-implikazzjonijiet għall-baġit tal-UE huma ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża. L-iżvilupp tal-IT u l-għażliet ta' akkwist se jkunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Bord tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u taċ-Ċibersigurtà tal-Kummissjoni Ewropea.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapportar trasparenti u regolari tal-obbligi tal-Istati Membri flimkien ma' kontrolli sodi tal-konformità huma elementi fundamentali li jiżguraw il-progress fit-twettiq tal-impenji fit-tul tal-UE ta' tnaqqis fl-emissjonijiet. L-inizjattiva tibni fuq il-proċess abbażi ta' pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u tal-qafas robust ta' trasparenza għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u informazzjoni klimatika oħra li tinsab fir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika. Il-Kummissjoni se tuża *inter alia* l-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont ir-Regolament dwar il-Governanza bħala bażi għall-valutazzjoni regolari tagħha tal-progress. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, politiki u miżuri, projezzjonijiet u l-adattament. Il-Kummissjoni se tuża wkoll din l-informazzjoni għar-Rieżamijiet tal-Implimentazzjoni Ambjentali u għall-monitoraġġ tal-Programmi ta' Azzjoni Ambjentali. L-informazzjoni miksuba mill-Istati Membri tista' tiġi kkomplementata b'osservazzjonijiet atmosferiċi sistematiċi *in situ* kif ukoll b'osservazzjonijiet ta' telerilevament, bħal dawk ipprovduti minn Copernicus.

Il-kwalità mtejba tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija ssir aktar prominenti bl-introduzzjoni tal-mira tal-UE għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti abbażi tan-numri rrapportati fl-inventarji tal-gassijiet serra. Il-koerenza ma' politiki oħrajn tal-UE li jiddependu wkoll mill-monitoraġġ tal-art – bħall-Politika Agrikola Komuni, il-politiki dwar il-bijodiversità, u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli – għandha sinifikat qawwi wkoll, u tipprovdi sinerġiji amministrattivi u tal-kostijiet importanti. Bis-saħħa tal-evoluzzjonijiet fit-teknoloġiji tal-monitoraġġ tal-art, hemm opportunitajiet abbundanti biex jiġu mmonitorjati l-bidliet fl-użu tal-art bi prezz baxx u fil-ħin (eż. permezz ta' approċċi bbażati fuq it-telerilevament, inkluż mis-satelliti Sentinel ta' Copernicus jew mis-servizzi disponibbli kummerċjalment). Din il-ġeodata diġitali ta' kopertura tal-UE f'waqtha mhux biss se tiffaċilita r-rapportar tal-gassijiet serra iżda se tiggwida wkoll l-azzjoni ta' mitigazzjoni lejn oqsma bl-ogħla potenzjal għat-tnaqqis fl-emissjonijiet, u b'mod aktar ġenerali se tippermetti l-azzjoni ambjentali, il-bijodiversità, il-protezzjoni tan-natura u l-ippjanar tal-użu tal-art. Għalhekk, l-aġġornament tal-approċċ ta' monitoraġġ fir-Regolament dwar il-LULUCF, u b'hekk l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha fir-rigward tal-użu ta' approċċi komparabbli u standardizzati f'konformità mal-għodod u t-teknoloġiji disponibbli, huwa ta' importanza kbira u se jiżgura l-adozzjoni tal-aħjar prattiki għall-monitoraġġ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-aktar bidliet importanti fil-qafas legali tal-LULUCF li jikkontribwixxu biex tintlaħaq iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni jikkonċernaw l-Artikoli li ġejjin:

**Artikolu 2 Kamp ta' applikazzjoni**

Il-kamp ta' applikazzjoni inizjali li jistabbilixxi "-lkategoriji ta' kontabbiltà tal-art" japplika biss għall-perjodu 2021-2025 fir-Regolament emendat. L-Artijiet Mistagħdra Ġestiti huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-emenda għall-2021-2025 għall-Istati Membri li jkunu nnotifikaw l-intenzjoni li jinkluduha sal-31 ta' Diċembru 2020 biss (magħżula minn żewġ Stati Membri biss).

Il-kamp ta' applikazzjoni għall-perjodu 2026-2030, huwa bbażat direttament fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati għall-inventarju tal-gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 u jirrifletti eżattament il-kategoriji ta' rapportar kif stabbiliti fil-Format Komuni ta' Rapportar skont il-linji gwida ta' rapportar tal-UNFCCC (eż. it-torbieri u l-estrazzjoni tal-pit huma inklużi fil-kategorija ta' rapportar "Artijiet Mistagħdra").

Il-kamp ta' applikazzjoni għal settur agrikolu kkombinat tal-użu tal-art u mhux tas-$CO_2$ mill-2031 'il quddiem huwa introdott fl-aħħar paragrafu, u jirrifletti wkoll il-kategoriji ta' rapportar kif stabbiliti fil-Format Komuni ta' Rapportar.

**Artikolu 4 Impenji u miri**

Fl-Artikolu 4 oriġinali, it-terminu "impenji" ntuża biex jesprimi l-obbligu mingħajr mira numerika speċifika. L-Artikolu 4 il-ġdid "Impenji u miri" se jiġi rivedut biex jirrifletti t-tliet perjodi:

*Impenji għall-2021-2025*

Skont ir-regoli attwali, l-Istati Membri huma impenjati li jiżguraw li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ma jaqbżux l-assorbimenti, ikkalkolati bħala s-somma tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali fil-kategoriji kontabilistiċi kif iddefinit fil-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 2(1)); ir-"regola ta' ebda dejn". Dawn l-impenji se jkunu limitati biss għall-ewwel perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament emendat, jiġifieri mill-2021 sal-2025.

*Miri għall-Istati Membri għall-2026-2030*

Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-mira tal-Unjoni se tiġi stabbilita biex sal-2030 tilħaq assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$, abbażi tal-inventarju tal-gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018. Il-mira tal-Unjoni ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ se titqassam fost l-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati miri nazzjonali vinkolanti ta' assorbimenti netti minimi li għandhom jintlaħqu fl-2030 skont tabella fl-Anness IIa.

Żewġ kunsiderazzjonijiet jagħmlu l-użu ta' *data* reċenti preferibbli. L-ewwel nett, il-punt tat-tluq għat-trajettorja jenħtieġ li jkun qrib kemm jista' jkun tal-perjodu ta' konformità – dan għandu impatt tekniku li jelimina l-ħtieġa li jiġi stabbilit parametru referenzjarju bħal-Livell ta' Referenza għall-Foresti. It-tieni nett, l-inventarji tal-LULUCF li jibdew bit-tressiq tal-2023 se jkunu l-ewwel li jkunu taħt il-kundizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Governanza, u għalhekk ta' standard ogħla. Fl-2025, abbażi tar-riżultati ta' rieżami komprensiv tal-inventarju tal-gassijiet serra rrapportat, il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina l-miri annwali abbażi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti vverifikati mis-snin 2021, 2022 u 2023 għal kull Stat Membru. Għalhekk, l-aktar *data* rieżaminata reċentement se sservi bħala bażi għall-istabbiliment tat-trajettorja tal-miri annwali għall-2026-2029 lejn l-ilħuq tal-miri nazzjonali tal-assorbimenti netti għall-2030.

Il-mira tal-2030 se tkun il-punt tat-tluq tal-perkors tas-settur tal-art bejn l-2030 u l-2050 għall-kisba tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha, u se tippermetti l-monitoraġġ tal-progress lejn emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050.

*Impenji għan-newtralità klimatika fl-2035*

Mill-2031 'il quddiem, is-settur tal-LULUCF se jinkludi l-emissjonijiet mhux tas-$CO_2$ mis-settur agrikolu u r-Regolament emendat se jistabbilixxi objettiv biex tinkiseb in-newtralità klimatika fl-emissjonijiet u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra madwar l-Unjoni kollha fis-setturi kkombinati sa mhux aktar tard mill-2035; it-tnaqqis tal-emissjonijiet għal żero netti sa dik id-data u l-ġenerazzjoni ta' emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem. L-Istati Membri huma obbligati jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira kollettiva u jridu jippreżentaw kif dawn beħsiebhom jilħqu dan l-objettiv fil-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati tagħhom għall-enerġija u l-klima sa Ġunju 2024. Fid-dawl tal-pjanijiet imressqa, il-Kummissjoni se tipproponi, sal-aħħar tal-2025, miri individwali għall-Istati Membri u miżuri fl-UE kollha għall-perjodu ta' wara l-2030. Il-miri individwali għal wara l-2030 għall-Istati Membri se jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt u għal proposta leġiżlattiva ġdida.

Mill-2036 'il quddiem, is-settur ikkombinat se jkun meħtieġ jiġġenera aktar assorbimenti tal-karbonju biex jibbilanċja l-emissjonijiet li jkun għad fadal f'setturi oħrajn, abbażi ta' sistema robusta ta' ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju. Dan il-qafas ta' politika jista' jibda jgħaqqad b'mod progressiv is-settur tal-art ma' setturi oħrajn (lil hinn mill-agrikoltura) li jkunu eżawrew il-possibbiltajiet tagħhom ta' tnaqqis fl-emissjonijiet, jew li jkunu kisbu, pereżempju, tnaqqis fl-emissjonijiet ta' aktar minn 90 %. Għaldaqstant, tiġi ppreservata inċentiva biex l-assorbimenti tal-karbonju fis-setturi kkombinati jiżdiedu b'mod stabbli għall-perjodu sal-2050.

**Artikolu 9 Kontabbiltà għall-prodotti tal-injam maħsud**

Il-Komunikazzjoni **It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030** tindika inizjattivi dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u ċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju li jenħtieġ li jintużaw dejjem aktar sal-2030. Għalhekk, dawn il-mudelli kummerċjali l-ġodda biex jiżdied is-sekwestru tal-karbonju jeħtieġ li jiġu promossi filwaqt li fl-istess ħin, l-utenti tal-art iridu jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jevitaw li jnaqqsu aktar il-ħażna tal-karbonju tagħhom, speċjalment fil-ħamrija.

Il-proposta se tintroduċi perkors aktar espliċitu lejn prodotti ġodda (materjali tal-bini, fibri/polimeri) u se tidderieġi mill-ġdid is-sens tal-Artikolu biex jaġixxi bħala chapeau għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju/tas-sekwestri tal-karbonju f'art agrikola, billi tiġbor il-prodotti tal-injam maħsud bħala eżempju wieħed.

**Artikolu 12 Flessibbiltajiet ġenerali**

Skont ir-Regolament emendat, l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu "jinnegozjaw" aktar l-assorbimenti żejda fi tmiem il-perjodu 2021-2025. Madankollu, l-emenda tiżgura l-allokazzjoni ta' sehem mill-assorbimenti żejda tal-Istati Membri fi tmiem il-perjodu 2021-2025 għal mekkaniżmu ta' flessibbiltà stabbilit fit-tieni perjodu mill-2026 sal-2030 (ara l-Artikolu 13b imdaħħal ġdid).

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkunu obbligati jirrapportaw dwar l-użu tad-dħul mill-iskambjar u mistennija li jinvestu mill-ġdid dan id-dħul fi proġetti dwar il-klima.

**Artikolu 13 Flessibbiltà tal-Art Forestali Ġestita**

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 13 se jkun limitat għall-perjodu kontabilistiku mill-2021 sal-2025, bil-flessibbiltà totali disponibbli tammonta għal sehem mill-eċċess ta' flessibbiltà li ma jkunx intuża mill-Istati Membri matul il-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 13.

Huwa mistenni surplus wara l-ewwel perjodu, minħabba li bħalissa l-assorbimenti netti forestali fi Stati Membri ewlenin huma ferm akbar mil-Livelli ta' Referenza għall-Foresti adottati. Konsegwentement, kważi l-Istati Membri kollha għonja fil-foresti x'aktarx se jissodisfaw l-impenji tagħhom għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont ir-Regolament dwar il-LULUCF mingħajr il-ħtieġa li jużaw il-flessibbiltà tagħhom. Għalhekk, huwa probabbli li dan iħalli sehem sinifikanti mill-flessibbiltà disponibbli mhux użata, li jista' jforni lill-mekkaniżmu stabbilit ġdid għat-tqassim mill-ġdid ta' kwalunkwe kumpens għall-Art Forestali Ġestita mhux użat għall-Istati Membri milquta minn disturbi naturali.

Barra minn hekk, id-dispożizzjoni attwali dwar il-flessibbiltà speċjali għall-Finlandja se titneħħa u se tiġi sostitwita bl-Artikolu 13a fir-Regolament emendat.

**Artikolu 13a Kumpensi addizzjonali**

B'mod simili għall-Artikolu 13, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu se tkun limitata għall-kontabbiltà kontra l-ewwel perjodu ta' konformità, l-2021-2025, u l-motivazzjoni ewlenija għall-eżistenza tiegħu hija li tiġi evitata kwalunkwe ambigwità fl-interpretazzjoni tal-firxa tal-flessibbiltà speċjali assenjata lill-Finlandja.

L-emenda se tispeċifika l-ammont tal-kumpens disponibbli għal 5 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$, jiġifieri nofs l-ammont attwali, peress li dan huwa applikabbli sal-aħħar tal-2025 biss. Barra minn hekk, il-kumpens għal art forestali rrapportata bħala kkonvertita f'art oħra se jkun limitat sal-aħħar tal-2017. Il-kumpens se jitħalla jintuża biss għall-fini tal-konformità mal-impenn tal-2021-2025, filwaqt li jiġi żgurat li l-ebda kreditu ma jintuża għall-iskambjar, u lanqas ma jiġi nnegozjat għat-tieni perjodu 2026-2030.

**Artikolu 13b Mekkaniżmu ta' flessibbiltà fl-użu tal-art għas-snin mill-2026 sal-2030**

Peress li l-bidla lejn il-mira nazzjonali bbażata fuq ir-rapportar tagħmel lil dawn l-Artikoli 10 (Disturbi naturali) u 13 (Flessibbiltà tal-art forestali ġestita) żejda mill-2025, ġie introdott mekkaniżmu ta' flessibbiltà ġdid fir-Regolament emendat għall-perjodu mill-2026 sal-2030 biex jgħin lill-Istati Membri jittrattaw l-inċertezzi tas-settur, b'mod partikolari minn diżastri naturali. Dan se jopera skont prinċipji simili f'dan l-Artikolu 13, filwaqt li se jestendi l-kamp ta' applikazzjoni mill-art forestali għall-art kollha rilevanti għall-konformità mal-miri. Il-mekkaniżmu mbagħad jittratta kwalunkwe tnaqqis mhux mistenni fl-assorbimenti netti fil-

kategoriji kollha tal-art, mhux biss il-foresti, minħabba pesti, nirien, u maltempati, bil-kundizzjoni ta' evidenza ċara li għandha titressaq mill-Istati Membri f'konformità mal-kriterji eżistenti (l-Anness VI).

L-elementi l-ġodda (meta mqabbla mal-Artikolu 13 oriġinali) se jkunu:

Matul il-perjodu 2026-2030, jistgħu jintużaw unitajiet mill-mekkaniżmu ta' flessibbiltà biex ikopru l-kamp ta' applikazzjoni kollu bejn il-mira u r-rapportar f'kull Stat Membru, mhux biss għall-art forestali.

L-aċċess għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà, fl-2032 għall-perjodu 2026-2030, huwa stabbilit għal nofs l-ammont massimu stabbilit fl-Anness VII, jiġifieri 178 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$.

Kwalunkwe ammont mhux użat jista' jiġi riallokat b'deċiżjoni tal-Kummissjoni u permezz tar-Reġistru lill-Istati Membri meta l-ħtieġa tagħhom b'mod partikolari fir-rigward tad-disturbi naturali tintwera f'konformità mal-prinċipji fl-Anness VI, u dan ikun qabeż il-livelli ddefiniti minn qabel għal kull Stat Membru fl-Anness VII.

**Artikolu 13c Governanza tal-miri**

Mal-bidla lejn il-miri annwali nazzjonali għall-assorbimenti netti fil-perjodu mill-2026 sal-2030, se jiġu introdotti prinċipji simili kif jeżistu fil-qafas tal-konformità skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (UE) 2018/842, bħal penali għan-nuqqas ta' konformità ta' 8 % fuq id-diskrepanza fil-konformità fl-2030, fir-rigward tal-istabbiliment sussegwenti tal-miri/tal-allokazzjonijiet wara l-2030. Fil-każ meta Stat Membru jonqos milli jikkonforma mal-mira tiegħu għall-2030 fi tmiem it-tieni perjodu ta' konformità, minkejja l-għażla ta' trasferiment minn Stat Membru ieħor u s-sehem rilevanti mill-mekkaniżmu ta' flessibbiltà, id-distakk bejn il-mira tiegħu għall-2030 u t-tnaqqis fl-emissjonijiet netti li verament ikun inkiseb fl-2030 se jiżdied mal-mira tiegħu ddeterminata għall-2031.

**Emenda tar-Regolament (UE) 2018/1999**

Ir-raġuni għaliex ir-Regolament (UE) 2018/1999[25] huwa emendat flimkien mar-Regolament (UE) 2018/841 hija li dan jinkludi r-regoli għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra u r-rapportar dwarhom u għat-traċċar tal-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-miri skont ir-Regolament (UE) 2018/841.

L-emenda tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tirrifletti fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima l-miri nazzjonali stabbiliti għall-perjodu mill-2026 sal-2030 u l-impenn tan-newtralità klimatika fl-2035. L-emenda tal-Artikolu 38 tippermetti li jsir rieżami komprensiv tad-*data* tal-inventarju nazzjonali fl-2025, sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti l-miri annwali nazzjonali tal-Istati Membri matul l-2026 sal-2030. Barra minn hekk, l-emenda tal-Parti 3 tal-Anness V stabbiliet miżuri li jżidu l-akkuratezza tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF.

[25] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

2021/0201 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[26],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[27],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi"). Il-Partijiet fih qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

(2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019[28]. Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

(3) L-Unjoni impenjat ruħha li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 fl-impenn

[26] ĠU C […], […], p. […].
[27] ĠU C […], […], p. […].
[28] COM(2019)640 final.

aġġornat ta' tnaqqis iddeterminat fil-livell nazzjonali mressaq lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020[29].

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], l-Unjoni naqqxet il-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 fil-leġiżlazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, inkluż is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdiedu għal livelli ogħla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

(5) Sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030 (b'analoġija għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]), li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità.

(6) Il-miri annwali vinkolanti għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru. Għall-Istati Membri li jtejbu l-metodoloġija

29 https://www4.unfccc.int/sites/ndcstaging/PublishedDocuments/European%20Union%20First/EU_NDC_Submission_December%202020.pdf

30 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

31 Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

32 Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika. Jenħtieġ li tiżdied korrezzjoni teknika mal-mira ta' dak l-Istat Membru li tikkorrispondi għall-effett tal-bidla fil-metodoloġija fuq il-miri u l-isforzi tal-Istat Membru biex dawn jintlaħqu, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

(7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030[33] iddeskriviet għażla li l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-$CO_2$ jingħaqdu flimkien mal-assorbimenti netti tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid. Din il-kombinazzjoni tista' tippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u tippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jissaħħaħ l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art.

(8) Is-settur tal-art għandu l-potenzjal li jsir newtrali għall-klima malajr sal-2035 b'mod kosteffettiv, u sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti ta' gassijiet serra milli emissjonijiet. Impenn kollettiv bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovdi ċ-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art f'qasir żmien, meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tieħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' ġġib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050. Sa nofs l-2024, l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali integrati aġġornati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34]. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri relevanti li bihom, kull Stat Membru jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-mira kollettiva tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art fil-livell tal-UE fl-2035. Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi miri nazzjonali, filwaqt li tiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-Unjoni u l-assorbimenti fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u l-emissjonijiet mis-setturi mhux $CO_2$ agrikoli jkunu għall-inqas ibbilanċjati sal-2035. Kontrarjament għall-mira fil-livell tal-UE tan-newtralità klimatika għas-settur tal-art sal-2035, tali miri nazzjonali se jkunu vinkolanti u infurzabbli fuq kull Stat Membru.

(9) Ir-regoli kontabilistiċi stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 10 tar-Regolament (UE) 2018/841 tfasslu biex jiddeterminaw sa liema punt il-prestazzjoni tal-mitigazzjoni fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija tista' tikkontribwixxi għall-mira tal-UE għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'40 %, li ma kinitx tinkludi s-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju għal dak is-settur, ir-regoli kontabilistiċi attwali jenħtieġ li ma japplikawx wara l-2025, u l-konformità mal-miri nazzjonali tal-Istati

[33] COM(2020) 562 final.

[34] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Membri jenħtieġ li tiġi vverifikata abbażi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati. Dan jiżgura konsistenza metodoloġika mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] u mar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], u d-determinazzjoni tal-mira l-ġdida għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 %, li tinkludi wkoll is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

(10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u fil-foresti tagħhom. Fil-perjodu sal-2030, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq inċentivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-bijoekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju minbarra l-prodotti tal-injam maħsud. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħolqu wkoll opportunitajiet għal impjiegi ġodda u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.

(11) Meta wieħed iqis l-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilħqu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom, jenħtieġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri firxa ta' flessibbiltajiet, inkluż l-iskambjar tas-surpluses u l-estensjoni ta' flessibbiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

(12) Il-waqfien tar-regoli kontabilistiċi attwali wara l-2025 joħloq ħtieġa ta' dispożizzjonijiet alternattivi għad-disturbi naturali bħan-nirien, il-pesti u l-maltempati, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi minħabba l-proċessi naturali jew bħala riżultat tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Mekkaniżmu ta' flessibbiltà marbut mad-disturbi naturali jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, diment li dawn ikunu eżawrew il-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u stabbilew miżuri xierqa biex inaqqsu l-vulnerabbiltà tal-art tagħhom għal dawn id-disturbi, u li l-Unjoni tkun laħqet il-mira tal-2030 għas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.

(13) Malli jiġu stabbiliti l-miri annwali nazzjonali vinkolanti għall-assorbimenti ta' gassijiet serra bbażati fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati mill-2026 'il quddiem, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli għall-konformità mal-miri. Il-

---

35 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32) kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

36 Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 jenħtieġ li japplikaw *mutatis mutandis*, b'penali għan-nuqqas ta' konformità kkalkolat bil-mod li ġej: 108 % tad-distakk bejn il-mira assenjata u l-assorbimenti netti rrapportati fis-sena partikolari se jiżdiedu maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati fis-sena sussegwenti mill-Istat Membru.

(14) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-istabbiliment tal-allokazzjonijiet tal-miri annwali għall-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37].

(15) Fid-dawl tal-istabbiliment tal-miri tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżerċita rieżami komprensiv biex tivverifika d-*data* tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023. Għal dan il-fini, jenħtieġ li jsir rieżami komprensiv fl-2025, minbarra r-rieżamijiet komprensivi li l-Kummissjoni għandha twettaq fl-2027 u fl-2032 f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell ogħla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[38], l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[39], l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti[40], id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[42] kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejbu, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' *data* diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.

(17) Il-bidliet antropoġeniċi mistennija fl-użu tal-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu permezz ta', pereżempju, l-espansjoni ppjanata tal-enerġija offshore, iż-żieda potenzjali fil-produzzjoni tal-akkwakultura u l-livelli dejjem jiżdiedu ta' protezzjoni tan-natura biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità se jinfluwenzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sekwestru tagħhom. Bħalissa dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti ma humiex inklużi fit-tabelli ta' rapportar standard fil-UNFCCC. Sussegwentement għall-adozzjoni tal-metodoloġija ta' rapportar, il-Kummissjoni se

---

37 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

38 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna (COM(2020) 380 final).

39 COM/2020/381 final.

40 […]

41 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

42 COM/2021/82 final.

tqis ir-rapportar dwar il-progress, il-fattibbiltà tal-analiżi u l-impatt tal-estensjoni tar-rapportar għall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika ta' dawn il-flussi meta twettaq ir-rieżami f'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.

(18) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/1999 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2018/841 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:

(a) l-impenji tal-Istati Membri għas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija li jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perjodu mill-2021 sal-2025;

(b) il-kontabbiltà tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra mis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u għall-kontroll tal-konformità tal-Istati Membri mal-impenji msemmija fil-punt (a) għall-perjodu mill-2021 sal-2025;

(c) mira tal-Unjoni għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għall-perjodu mill-2026 sal-2030;

(d) il-miri għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030;

(e) l-impenji tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa lejn il-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija inkluż l-emissjonijiet mill-agrikoltura mhux tas-$CO_2$.";

(2) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet u għall-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] u li jseħħu fit-

[43] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

territorji tal-Istati Membri fil-perjodu mill-2021 sal-2025 fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art li ġejjin:

(a) użu tal-art irrapportat bħala raba', bur, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra, ikkonvertiti f'art forestali ("art afforestata");

(b) użu tal-art irrapportat bħala art forestali kkonvertita f'raba', bur, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra ("art deforestata");

(c) użu tal-art irrapportat bħala wieħed minn dawn li ġejjin ("raba' ġestit"):

(i) raba' li jibqa' raba';

(ii) bur, art mistagħdra, insedjament jew art oħra, ikkonvertiti f'raba';

(iii) raba' konvertit f'art mistagħdra, insedjament jew art oħra;

(d) użu tal-art irrapportat bħala wieħed minn dawn li ġejjin ("bur ġestit"):

(i) bur li jibqa' bur;

(ii) raba', art mistagħdra, insedjament jew art oħra, ikkonvertiti f'bur;

(iii) bur ikkonvertit f'art mistagħdra, insedjament jew art oħra;

(e) użu tal-art irrapportat bħala art forestali li tibqa' art forestali ("art forestali ġestita");

(f) meta Stat Membru jkun innotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jinkludi dan l-użu tal-art fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji tiegħu skont l-Artikolu 4(1) sal-31 ta' Diċembru 2020, użu tal-art irrapportat bħala wieħed minn dawn li ġejjin ("art mistagħdra ġestita"):

— art mistagħdra li tibqa' art mistagħdra;

— insedjament jew art oħra, ikkonvertiti f'art mistagħdra;

— art mistagħdra kkonvertita f'insedjament jew art oħra.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri fil-perjodu mill-2026 sal-2030, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' rapportar tal-art u/jew kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:

(a) art forestali;

(b) raba';

(c) bur;

(d) artijiet mistagħdra;

(e) insedjamenti;

(f) art oħra;

(g) prodotti tal-injam maħsud;

(h) oħrajn;

(i) depożizzjoni atmosferika;

(j) lixxivjazzjoni u skular tan-nitroġenu.

3. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri mill-2031 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-art elenkati fil-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 2 u fi kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:

(a) fermentazzjoni enterika;

(b) ġestjoni tad-demel;

(c) kultivazzjoni tar-ross;

(d) ħamrija agrikola;

(e) ħruq awtorizzat ta' meddiet kbar ta' savana;

(f) ħruq fl-għelieqi ta' fdalijiet agrikoli;

(g) trattament bil-ġir;

(h) applikazzjoni tal-urea;

(i) "fertilizzanti oħrajn li fihom il-karbonju";

(j) "oħrajn".";".

(3) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

**Impenji u miri**

1. Għall-perjodu mill-2021 sal-2025, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12, 13 u 13a, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ma jaqbżux l-assorbimenti ta' gassijiet serra, ikkalkolati bħala s-somma tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali fit-territorju tiegħu fil-kategoriji kollha ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1).

2. Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ bħala somma tal-miri tal-Istati Membri stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-*data* tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018.

Kull Stat Membru għandu jiżgura, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12, 13 u 13b, li s-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra tiegħu fit-territorju tiegħu u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), f'kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ma taqbiżx il-limitu stabbilit minn trajettorja lineari, li tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru fl-Anness IIa. It-trajettorja lineari ta' Stat Membru għandha tibda fl-2022.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-miri annwali bbażati fuq it-trajettorja lineari għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-*data* tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru. Il-valur tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ bħala somma tal-miri għall-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIa jista' jkun soġġett għal korrezzjoni teknika minħabba

bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. Il-metodu għad-determinazzjoni tal-korrezzjoni teknika li għandha tiżdied mal-miri tal-Istati Membri, għandu jiġi stabbilit f'dawn l-atti ta' implimentazzjoni. Għall-fini ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-aktar *data* tal-inventarju nazzjonali reċenti għas-snin 2021, 2022 u 2023 imressaq mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16a.

4. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fis-setturi stabbiliti fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(3) għandhom jimmiraw li jkunu żero netti sal-2035 u l-Unjoni għandha tikseb emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-mira għall-2035.

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima mressqa minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 sat-30 ta' Ġunju 2024, tagħmel proposti għall-kontribut ta' kull Stat Membru għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti.";

(4) fl-Artikolu 6, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jikkontabbilizzaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art afforestata u art deforestata kkalkolati bħala l-emissjonijiet totali u l-assorbimenti totali għal kull sena fil-perjodu mill-2021 sal-2025.

2. B'deroga mill-Artikolu 5(3), u mhux aktar tard mill-2025, meta l-użu tal-art ikun ġie kkonvertit minn raba', bur, art mistagħdra, insedjamenti jew art oħra f'art forestali, Stat Membru jista', 30 sena wara d-data ta' dik il-konverżjoni, jibdel il-kategorizzazzjoni ta' din l-art minn art ikkonvertita f'art forestali għal art forestali li tibqa' art forestali, meta din il-bidla tkun debitament iġġustifikata abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC.";

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jikkontabbilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn raba' ġestit ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perjodu mill-2021 sal-2025 bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw minn raba' ġestit fil-perjodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.

2. Kull Stat Membru għandu jikkontabbilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn bur ġestit ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perjodu mill-2021 sal-2025 bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw minn bur ġestit fil-perjodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.

3. Matul il-perjodu mill-2021 sal-2025, kull Stat Membru li jinkludi art mistagħdra ġestita fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji tiegħu għandu jikkontabbilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art mistagħdra ġestita, ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti f'dak il-perjodu bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw minn art mistagħdra ġestita fil-perjodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.";

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jikkontabbilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art forestali ġestita, ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perjodu mill-2021 sal-2025 bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-livell ta' referenza għall-foresti tal-Istat Membru kkonċernat.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni il-pjanijiet nazzjonali tagħhom tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż livell ta' referenza għall-foresti propost, sal-31 ta' Diċembru 2018 għall-perjodu mill-2021 sal-2025.";

(c) il-paragrafi 7, 8, 9 u 10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Meta jkun meħtieġ abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi u, meta jkun applikabbli, tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti u riveduti lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 għall-perjodu mill-2021 sal-2025. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-livelli ta' referenza għall-foresti proposti li jkunu ġew ikkomunikati lilha mill-Istati Membri.

8. Abbażi tal-livelli ta' referenza għall-foresti proposti li jkunu tressqu mill-Istati Membri, tal-valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, u meta jkun applikabbli, tal-livell ta' referenza għall-foresti propost u rivedut imressaq skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 li jemendaw l-Anness IV bil-għan li jiġu stabbiliti l-livelli ta' referenza għall-foresti li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

9. Jekk Stat Membru ma jressaqx il-livell ta' referenza għall-foresti tiegħu lill-Kummissjoni sad-dati speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u, meta jkun applikabbli, fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 li jemendaw l-Anness IV bil-għan li tistabbilixxi l-livell ta' referenza għall-foresti li għandu jiġi applikat minn dak l-Istat Membru għall-perjodu mill-2021 sal-2025, abbażi ta' kwalunkwe valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

10. L-atti delegati msemmija fil-paragrafi 8 u 9 għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Ottubru 2020 għall-perjodu mill-2021 sal-2025.";

(7) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Prodotti għall-ħżin tal-karbonju**";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, inkluż prodotti tal-injam maħsud, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.";

(8) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi tmiem il-perjodu mill-2021 sal-2025, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kontijiet tagħhom għall-art afforestata u l-art forestali ġestita, emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw minn disturbi naturali, li jaqbżu l-emissjonijiet medji kkawżati minn disturbi naturali fil-perjodu mill-2001 sal-2020, għajr l-anomaliji statistiċi ("livell tal-isfond"). Dak il-livell tal-isfond għandu jiġi kkalkolat f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Anness VI.";

(b) fil-punt (b) tal-paragrafu 2, "2030" huwa sostitwit b'"2025":

(9) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Flessibbiltajiet u governanza**";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) "1. Stat Membru jista' juża:

(a) il-flessibbiltajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 12; u

(b) sabiex jikkonforma mal-impenn fl-Artikolu 4, il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita fl-Artikoli 13 u 13b.

Il-Finlandja tista', minbarra l-flessibbiltajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, tuża kumpensi addizzjonali skont l-Artikolu 13a."

(10) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 3;

(b) jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. L-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul iġġenerat mit-trasferimenti skont il-paragrafu 2 biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe azzjoni bħal din meħuda.

6. Kwalunkwe trasferiment skont il-paragrafu 2 jista' jirriżulta minn proġett jew programm ta' mitigazzjoni tal-gassijiet serra mwettaq fl-Istat Membru li jkun qed ibiegħ u rimunerat mill-Istat Membru riċeventi, dment li jiġi evitat l-għadd doppju u tiġi żgurata t-traċċabbiltà.";

(11) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 13

**Flessibbiltà tal-art forestali ġestita**

"1. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1), [ikkontabbilizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament,] fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex ikun konformi mal-Artikolu 4(1).

2. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 8(1) ikun ċifra pożittiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun

intitolat li jikkumpensa l-emissjonijiet li jkunu rriżultaw mill-kalkolu dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jkun inkluda fl-istrateġija tiegħu mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti; u

(b) l-emissjonijiet totali fl-Unjoni ma jaqbżux l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 7(1) jew 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/842.

3. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jkopri biss bjar ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti ta' dak l-Istat Membru u ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

4. L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali kkalkolati skont l-Anness VI sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom, sal-ammont sħiħ tal-kumpens mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2021 sal-2025. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati.";

(12) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

"Artikolu 13a

**Kumpensi addizzjonali**

1. Il-Finlandja tista' tikkumpensa emissjonijiet ikkontabbilizzati ta' mhux aktar minn 5 miljun tunnellata addizzjonali ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ taħt il-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art "art forestali ġestita", "art deforestata", "raba' ġestit" u "bur ġestit", fil-perjodu mill-2021 sal-2025, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Finlandja tkun inkludiet fl-istrateġija tagħha mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex tiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti;

(b) l-emissjonijiet totali fl-Unjoni ma jaqbżux l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament fil-perjodu mill-2021 sal-2025.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-

flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 u 13 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 7(1) jew 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/842.

2. Il-kumpensi addizzjonali huma limitati għal:

(a) l-ammont li jaqbeż il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita disponibbli għall-Finlandja fil-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 13;

(b) l-emissjonijiet maħluqa permezz ta' bidla storika minn art forestali għal kwalunkwe kategorija oħra ta' użu tal-art li tkun seħħet mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017;

(c) il-konformità mal-Artikolu 4.

3. Il-kumpensi addizzjonali ma jistgħux ikunu soġġetti għal trasferiment skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842.

4. Kwalunkwe kumpens addizzjonali mhux użat mill-ammont ta' 5 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkanċellat.

5. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq il-punt (a) tal-paragrafu 2 u l-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2018/1999.";

(13) jiddaħħal l-Artikolu 13b li ġej:

"Artikolu 13b

**Mekkaniżmu ta' flessibbiltà fl-użu tal-art għall-perjodu mill-2026 sal-2030**

1. Mekkaniżmu ta' flessibbiltà fl-użu tal-art li jikkorrispondi għal kwantità ta' mhux aktar minn 178 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ għandu jiġi stabbilit fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999, soġġett għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà għandu jkun disponibbli flimkien mal-flessibbiltajiet previsti fl-Artikolu 12.

2. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, id-differenza bejn is-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra fit-territorju ta' Stat Membru u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-mira korrispondenti, tkun pożittiva, ikkontabbilizzata u rrapportata f'konformità ma' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibbiltà stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex jikkonforma mal-mira tiegħu stabbilita skont l-Artikolu 4(2).

3. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 ikun pożittiv, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat li jikkumpensa l-emissjonijiet żejda dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jkun inkluda fil-pjan nazzjonali integrat aġġornat tiegħu għall-enerġija u l-klima mressaq skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, tal-bjar u r-riżervi kollha tal-art, u biex inaqqas il-vulnerabbiltà tal-art għal disturbi naturali;

(b) l-Istat Membru jkun eżawrixxa l-flessibbiltajiet l-oħrajn kollha disponibbli skont dan l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842;

(c) id-differenza fl-Unjoni bejn is-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti kollha ta' gassijiet serra fit-territorju tagħha u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art

imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-mira tal-Unjoni [ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-$CO_2$], tkun negattiva, fil-perjodu mill-2026 sal-2030.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali kif imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk tinkludix 20 % tal-assorbimenti netti li ma jkunux innegozjati mill-Istati Membri mill-perjodu mill-2021 sal-2025 abbażi tal-impatt tad-disturbi naturali u bl-applikazzjoni tal-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. F'dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842.

4. L-ammont tal-kumpens imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jista' jkopri biss bjar ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-mira tal-Istat Membru fl-Anness IIa ta' dan ir-Regolament u ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2026 sal-2030.

5. L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali kkalkolati skont l-Anness VI, sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-mira ta' Stat Membru kkonċernat stabbilita fl-Anness IIa, sal-ammont sħiħ tal-kumpens mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stabbilit fl-Anness VII għall-perjodu mill-2026 sal-2030. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kkonċernati."

(14) jiddaħħal l-Artikolu 13c li ġej:

"Artikolu 13c

**Governanza tal-miri**

Jekk l-emissjonijiet u l-assorbimenti rieżaminati ta' gassijiet serra ta' Stat Membru fl-2032 jaqbżu l-miri annwali ta' dak l-Istat Membru għal kwalunkwe sena speċifika tal-perjodu mill-2026 sal-2030, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltajiet użati skont l-Artikoli 12 u 13b, għandha tapplika l-miżura li ġejja:

Ammont ugwali għall-ammont f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$ tal-emissjonijiet netti żejda ta' gassijiet serra, immultiplikat b'fattur ta' 1,08, għandu jiżdied maċ-ċifra tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportata minn dak l-Istat Membru fis-sena ta' wara, f'konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 15.";

(15) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sal-15 ta' Marzu 2027 għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u sal-15 ta' Marzu 2032 għall-perjodu mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni rapport tal-konformità li jkun fih il-bilanċ tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali għall-perjodu rilevanti fuq kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art speċifikata fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 2(1) għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2) għall-perjodu mill-2026 sal-2030, bl-użu tar-regoli kontabilistiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Ir-rapport tal-konformità għandu jinkludi valutazzjoni ta':

a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi;

b) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni ta' u l-adattament għat-tibdil fil-klima;

c) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità.

Dan ir-rapport għandu jkun fih ukoll, meta jkun applikabbli, dettalji dwar l-intenzjoni li jintużaw il-flessibbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 11 u l-ammonti relatati jew dwar l-użu ta' dawn il-flessibbiltajiet u l-ammonti relatati.";

(16) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi r-regoli għar-reġistrazzjoni u t-twettiq preċiż tal-operazzjonijiet li ġejjin fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2018/1999:

(a) il-kwantifikar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti għal kull kategorija ta' kontabbiltà u ta' rapportar tal-art f'kull Stat Membru;

(b) l-eżerċizzju tal-korrezzjoni teknika skont l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament;

(c) l-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 12, 13, 13a u 13b u

(d) il-konformità mal-miri skont l-Artikolu 13c.";

(17) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit permezz tal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(18) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sitt xhur wara […] bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż, meta jkun rilevanti, valutazzjoni tal-impatti tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 11, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-mira globali tal-Unjoni għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni.

Wara r-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq. B'mod partikolari, il-proposti għandhom jistabbilixxu miri annwali u governanza li jkollhom il-mira tan-newtralità klimatika għall-2035 kif stabbilit fl-Artikolu 4(4), politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni, u qafas għal wara l-2035,

[44] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

filwaqt li jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn setturi addizzjonali, bħall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu.";

(19) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(20) it-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness IIa.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (UE) 2018/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (63) u (64) li ġejjin:

"(63) "sistema ta' informazzjoni ġeografika" tfisser sistema tal-kompjuter li tkun kapaċi tiġbor, taħżen, tanalizza u turi informazzjoni referenzjata b'mod ġeografiku;

(64) "applikazzjoni ġeospazjali" tfisser formola ta' applikazzjoni elettronika li tinkludi applikazzjoni tal-IT ibbażata fuq sistema ta' informazzjoni ġeografika li tippermetti lill-benefiċjarji jiddikjaraw, mil-lat spazjali, il-bċejjeċ tar-raba' tal-azjenda u ż-żoni mhux agrikoli li għalihom qed jitolbu pagament.";

(2) fil-punt (a)(1) tal-Artikolu 4, il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"l-impenji tal-Istat Membru u l-miri nazzjonali għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/841 u l-kontributi tiegħu jimmiraw lejn l-ilħuq tal-objettiv tal-Unjoni li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu għal żero netti sal-2035 u lejn il-kisba ta' emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem skont l-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament;";

(3) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"Fl-2025, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tad-*data* tal-inventarju nazzjonali mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu ddeterminati l-miri annwali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/841 u sabiex jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842";

(b) fil-paragrafu 2, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-rieżami komprensiv imsemmi fil-paragrafi 1 u 1a għandu jinkludi:"

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Malli jitlesta r-rieżami komprensiv imwettaq skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina s-somma totali tal-emissjonijiet għas-snin rilevanti li jirriżultaw mid-*data* tal-inventarju kkorreġuta għal kull Stat Membru maqsuma bejn id-*data* tal-emissjonijiet rilevanti għall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 u d-*data* tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, u tiddetermina s-somma totali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti rilevanti għall-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841.";

(4) l-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

# Werrej


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 33
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 33
*1.2.* Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 33
1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':..... 33
1.4. Objettiv(i)..... 33
1.4.1. Objettiv(i) ġenerali..... 33
1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..... 33
1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 34
1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 34
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva..... 34
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 34
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 35
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi..... 36
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra..... 36
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 37
1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva..... 38
1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i ..... 38
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 39
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar..... 39
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 39
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta.... 39
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 39
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)..... 39
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet..... 39

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 40
3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ..... 40
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ..... 43
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 43
3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 45
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ..... 47
3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ..... 50
3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ..... 50
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ..... 51

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Azzjoni Klimatika

Intestatura 3 Riżorsi naturali u Ambjent

Titolu 9 – Ambjent u Azzjoni Klimatika

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[45]

✓ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Li jiġi emendat ir-Regolament 2018/841 dwar il-LULUCF b'mod proporzjonat mal-ambizzjoni klimatika għall-2030 biex sal-2030 jintlaħaq tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 u bi trajettorja gradwali u bbilanċjata lejn in-newtralità klimatika sal-2050, b'mod kosteffettiv u koerenti filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' tranżizzjoni ġusta u l-ħtieġa li s-setturi kollha jikkontribwixxu għall-isforzi klimatiċi tal-UE.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru 1

Settur tal-art newtrali għall-klima sal-2035: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2018 "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd" tagħmilha ċara li neħtieġu żieda sinifikanti fl-assorbimenti tal-karbonju jekk irridu niksbu n-newtralità klimatika fl-2050. Għaldaqstant, biex tkun fit-triq it-tajba lejn in-newtralità klimatika fl-2050, l-UE jeħtieġ li treġġa' lura t-tnaqqis reċenti fl-assorbimenti bbażati fuq l-art u tibda timplimenta azzjonijiet biex iżżid l-assorbimenti diġà f'dan id-deċennju, sabiex tikkontabbilizza ż-żminijiet twal meħtieġa għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima bbażata fuq l-art.

Objettiv speċifiku Nru 2

Qafas ta' politika dwar il-klima ġust, flessibbli u integrat għas-settur tal-art: Peress li l-opportunitajiet biex jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju huma mqassma b'mod mhux uniformi fost l-Istati Membri, u l-multifunzjonalità tal-art toħloq sinerġiji u

[45] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

kompromessi, ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-LULUCF se tkun meħtieġa tiżgura qafas ta' politika ġust, flessibbli, u integrat, inkluż l-ispeċifikazzjoni tal-allokazzjonijiet annwali għall-perjodu 2026-2030 kemm taħt is-settur tal-LULUCF kif ukoll taħt dak tal-ESR.

Objettiv speċifiku Nru 3

Simplifikazzjoni tar-regoli tal-LULUCF: ir-regoli attwali tal-LULUCF ħafna drabi huma kumplessi u ma għadhomx meħtieġa minħabba l-formulazzjoni l-ġdida tal-mira ta' -55 %; abbażi tat-tagħlimiet meħuda, b'mod partikolari fir-rigward tal-iffissar tal-FRLs, jistgħu jiġu ottimizzati u ssimplifikati għadd ta' kunċetti kontabilistiċi. Dan jista' jnaqqas il-kostijiet tal-implimentazzjoni u jtejjeb l-integrazzjoni tas-settur tal-LULUCF fl-istrateġiji klimatiċi nazzjonali globali. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rapportar iridu jirriflettu aħjar il-prestazzjoni klimatika tas-settur.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

L-aktar impatt importanti tar-reviżjoni se jkun żieda fl-assorbimenti tal-LULUCF, biex jittejjeb il-kontribut tas-settur għall-mira klimatika aktar ambizzjuża tal-UE għall-2030 imħabbra fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika (-55 %). Dan huwa marbut mal-ewwel objettiv ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt, settur tal-art newtrali għall-klima sal-2035. Dan l-impatt jaffettwa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, li se jkunu meħtieġa jfasslu politiki ambizzjużi dwar l-art biex jilħqu dawn il-miri, u lil dawk li jiġġestixxu l-art (bdiewa, dawk li jiġġestixxu l-foresti) li se jkunu l-atturi fil-prattika; b'mod aktar ġenerali, dan l-impatt jaffettwa liċ-ċittadini Ewropej u globali kollha, peress li l-azzjoni klimatika hija ben pubbliku ta' natura transfruntiera.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Indikatur nru 1: livell ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE fl-2030 (mira ta' tnaqqis nett b'55 % meta mqabbla mal-1990, kif imnaqqax fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima).

Indikatur nru 2: livell tal-assorbimenti ta' gassijiet serra fis-setturi tal-LULUCF fl-2030 (mira ta' assorbimenti ta' 3XXMtCO2eq fl-2030)

Indikatur nru 3: mira tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art ikkombinat (is-setturi tal-LULUCF u tal-agrikoltura mhux tas-$CO_2$) fl-2035.

Il-livelli ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE huma rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 u leġiżlazzjoni sekondarja oħra relatata mal-monitoraġġ u mar-rapportar skont ir-Regolament dwar il-LULUCF.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u l-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-miżuri ta' implimentazzjoni

rilevanti. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw politiki u miżuri u dispożizzjonijiet legali u amministrattivi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jikkonformaw mal-proposta.

Fir-rigward ta' dan, il-Kummissjoni se tirrevedi u tadotta għadd limitat ta' atti leġiżlattivi sekondarji, inkluż rieżami komprensiv tad-*data* tal-inventarju sal-2025. Ir-rieżami – kemm tas-settur tal-LULUCF kif ukoll ta' dak tal-ESR – se jippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina l-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' kull Stat Membru matul is-snin 2021, 2022 u 2023, taġġorna l-perkors tal-allokazzjoni tal-emissjonijiet għall-2030 u tirrevedi l-allokazzjonijiet annwali għas-snin mill-2026 sal-2030.

Se tkun meħtieġa wkoll leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi regoli dettaljati relatati mal-LULUCF dwar ir-Reġistru tal-Unjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u l-verifika tar-rapporti tal-konformità. L-implimentazzjoni se tirrikjedi żviluppi elaborati tal-IT fir-Reġistru tal-Unjoni biex jiġu ttrattati tipi ġodda ta' kwoti marbuta mal-flessibbiltà tal-LULUCF-ESR, u operaturi ġodda (l-Istati Membri).

Barra minn hekk, wara l-bidla fl-2026 tal-mekkaniżmu ta' rapportar u ta' konformità, l-implimentazzjoni se tirrikjedi forniment imtejjeb u msaħħaħ ta' monitoraġġ permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ta' servizzi relatati tad-*data* taħt il-programm Copernicus.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali u l-azzjoni tal-UE tista' tikkomplementa u ssaħħaħ b'mod effettiv l-azzjoni reġjonali, nazzjonali u lokali. Iż-żieda fil-mira tal-2030 għat-tnaqqis fil-gassijiet serra tal-UE se jkollha impatt fuq ħafna setturi fl-ekonomija kollha tal-UE u għalhekk, azzjoni koordinata fil-livell tal-UE hija indispensabbli u għandha ċans ħafna akbar li twassal għat-trasformazzjoni meħtieġa, filwaqt li taġixxi bħala fattur ewlieni b'saħħtu għal bidla kosteffiċjenti u għal konverġenza 'l fuq.

Minbarra l-kapaċità tagħha li taħżen u li tissekwestra l-karbonju, l-art tipprovdi ħafna prodotti u servizzi importanti oħrajn: tforni lis-setturi tal-bijoekonomija bl-ikel, bl-għalf u bil-materja prima, tipprovdi ħabitats għall-bijodiversità u ħafna servizzi tal-ekosistema vitali għall-ħajja (eż. il-purifikazzjoni tal-ilma u tal-arja), u tipproteġina minn xi wħud mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima (eż. l-għargħar u d-dežertifikazzjoni). L-interdipendenza bejn dawn il-funzjonijiet u l-kapaċità tas-settur tal-LULUCF li jissekwestra l-karbonju mill-atmosfera titlob approċċ integrat għall-azzjoni klimatika fis-settur tal-art, sabiex jiġi ottimizzat l-ippjanar tal-użu tal-art u jiġu identifikati prattiki ta' benefiċċju reċiproku.

Barra minn hekk, il-potenzjal li jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq l-art u l-kostijiet assoċjati huwa mqassam b'mod mhux uniformi madwar l-Istati Membri. Fattur ewlieni huwa ż-żona disponibbli għall-azzjoni klimatika, li tiddependi minn fatturi topografiċi jew ekonomiċi. Barra minn hekk, it-tip ta' ħamrija u użu tal-art, flimkien ma' fatturi u latitudni oħrajn relatati mal-klima, kollha jaffettwaw il-potenzjal li jittejbu l-assorbimenti.

Għalhekk, ir-Regolament dwar il-LULUCF jippreżenta sinerġiji ma' ħafna inizjattivi ta' politika oħrajn tal-UE li jkopru l-attivitajiet relatati mal-art.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ir-Regolament dwar il-LULUCF huwa strument ta' politika eżistenti tal-UE adottat reċentement fl-2018. Madankollu, il-Kummissjoni ilha li kisbet esperjenza siewja mill-2013, meta d-Deċiżjoni 529/2013[46] daħlet fis-seħħ u rrikjediet lill-Istati Membri jwettqu kontabbiltà sostituta għall-art fit-territorji tagħhom.

Din il-proposta tibni fuq l-esperjenza miġbura f'dawn iż-żewġ inizjattivi regolatorji, kif ukoll fuq il-Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, l-Istrateġija fit-Tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima u inizjattivi rilevanti oħrajn tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-inizjattiva tibni wkoll fuq il-proċess ibbażat fuq il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u l-qafas li jinsab fir-Regolament dwar il-Governanza.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta hija parti mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" dwar il-klima u l-enerġija. L-objettiv globali tal-pakkett huwa li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi allinjata maż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-UE. L-inizjattivi kollha fil-pakkett huma interkonnessi mill-qrib, u kull waħda tiddependi mit-tfassil tal-oħrajn. Din il-proposta leġiżlattiva tikkomplementa l-proposti li saru fil-pakkett u żżomm konsistenza magħhom.

Hemm ukoll interkonnessjonijiet b'saħħithom ma' inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura, it-titjib tar-reżiljenza tal-foresti tal-UE għat-tibdil fil-klima, ir-restawr ta' art u ekosistemi degradati, it-tixrib mill-ġdid ta' torbieri u l-promozzjoni tal-bijoekonomija, inkluż l-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità:

a) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[47];

b) L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[48];

c) L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti[49];

d) [Il-Miri tal-UE għar-Restawr tan-Natura][50];

e) L-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[51];

f) L-Istrateġija tal-UE biex Jitnaqqsu l-Emissjonijiet tal-Metan[52];

g) [L-Istrateġija tal-UE għall-Ħamrija[53]];

46 http://data.europa.eu/eli/dec/2013/529/oj
47 COM(2020) 380 final.
48 COM/2020/381 final.
49 […]
50 […]
51 COM/2021/82 final.
52 COM/2020/663 final.
53 […]

h) Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa[54];

i) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva[55];

j) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero[56];

k) Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE[57].

Is-settur tal-LULUCF huwa konness mal-ekosistemi u mal-attivitajiet ekonomiċi kollha li jiddependu mill-art u mis-servizzi li dan jipprovdi. Għalhekk, ir-Regolament dwar il-LULUCF jippreżenta sinerġiji ma' politiki oħrajn tal-UE li jkopru attivitajiet relatati mal-art, prinċipalment il-Politika Agrikola Komuni[58] u l-politika dwar l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

-

54 COM/2018/673 final
55 COM/2020/98 final.
56 COM/2021/400 final.
57 COM/2021/[345] final.
58 COM/2018/392 final.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

✓ **durata mhux limitata**

✓Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2023 sal-2024,

✓segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i[59]

✓ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

✓ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

| |
|---|
| Kif diġà ġie inkluż fl-Artikolu 14(4) tar-regolament attwali, l-assistenza fil-kontroll u fil-konformità tal-inventarju hija pprovduta mill-EEA. |

[59] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tevalwa l-progress fl-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-LULUCF, li jirrikjedi lill-Istati Membri jressqu quddiem il-Kummissjoni rapportar annwali dwar il-politiki u l-miżuri għall-emissjonijiet u l-assorbimenti. Id-*data* dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika (MRV) miksuba permezz tar-regolamentazzjoni tas-settur(i) permezz tal-EEA se tkun sors ewlieni ta' informazzjoni għall-Kummissjoni biex tevalwa l-progress fis-setturi kkonċernati.<br><br>Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni twettaq regolarment studji dwar diversi aspetti pertinenti tal-politika tal-UE dwar il-klima. |

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

| |
|---|
| Mhux applikabbli - Il-proposta ma hijiex qed timplimenta programm finanzjarju iżda qed tfassal politika fit-tul. Il-mod ta' ġestjoni, il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll fir-rigward tar-rati ta' żball ma humiex applikabbli. L-implimentazzjoni ta' din il-proposta se tirrikjedi ir-riallokazzjoni tar-riżorsi umani fi ħdan il-Kummissjoni. Proċeduri xierqa huma fis-seħħ. |

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| |

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

| |
|---|
| Din l-inizjattiva ma toħloqx kontrolli/riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. Ma ġiet prevista l-ebda miżura speċifika lil hinn mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju. |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

| |
|---|
| |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[1] | mill-pajjiżi tal-EFTA[2] | mill-pajjiżi kandidati[3] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 09 01 01 01 | Mhux diff. | IVA | LE | LE | LE |
| 3 | 09 02 03 | Diff. | IVA | LE | LE | LE |
| 3 | 09 10 02 | Diff. | IVA | IVA | IVA | LE |
| 7 | 20 01 02 01 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 01 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 02 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 03 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba: Mhux applikabbli.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3 | "riżorsi naturali u ambjent" |
|---|---|---|

| 067 | | | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | |
| 09 02 03 | Impenji | (1) | 1,000 | 1,000 | 3,000 | | 2,000 | **7,000** |
| | Pagamenti | (2) | | 0,400 | 1,000 | 1,800 | 1,800 | **5,000** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | | | | | | | |
| 09 01 01 01 | | (3) | | | **0,192** | **0,042** | **0,067** | **0,301** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ CLIMA** | Impenji | = 1 + 3 | 1,000 | 1,000 | 3,192 | 0,042 | 2,067 | **7,301** |
| | Pagamenti | = 2 + 3 | - | 0,400 | 1,192 | 1,842 | 1,867 | **5,301** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 1,000 | 1,000 | 3,192 | 0,042 | 2,067 | **7,301** |
| | Pagamenti | (5) | | 0,400 | 1,192 | 1,842 | 1,867 | 5,301 |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Impenji | = 4+ 6 | 1,000 | 1,000 | 3,192 | 0,042 | 2,067 | **7,301** |
| | Pagamenti | = 5+ 6 | - | 0,400 | 1,192 | 1,842 | 1,867 | 5,301 |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-"data bażitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: CLIMA | | | | | | | |
| Ÿ Riżorsi umani | | 0,608 | 0,608 | 0,760 | 0,760 | 0,912 | 3,648 |
| Ÿ Nefqa amministrattiva oħra | | 0,055 | 0,107 | 0,107 | - | - | 0,269 |
| **TOTAL TAD-DĠ CLIMA** | Approprjazzjonijiet | **0,663** | **0,715** | **0,867** | **0,760** | **0,912** | **3,917** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | **0,663** | **0,715** | **0,867** | **0,760** | **0,912** | **3,917** |

| | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Impenji | 1,663 | 1,715 | 4,059 | 0,802 | 2,979 | **11,218** |
| | Pagamenti | 0,663 | 1,115 | 2,059 | 2,602 | 2,779 | **9,218** |

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** | | | Sena **2023** | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip[60] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[61]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Aġġornament u | | | | 0,000 | | 0,000 | | 0,192 | | 0,042 | | 0,067 | | | | | | 0,301 |
| - Iffissar tal- | | | | 0,300 | | 0,300 | | 0,300 | | | | | | | | | | 0,900 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1,201 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - | | | | 0,300 | | 0,300 | | 2,300 | | | | 2,000 | | | | | | 4,900 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - | | | | 0,400 | | 0,400 | | 0,400 | | | | | | | | | | 1,200 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 3 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | 1,000 | | 1,000 | | 3,192 | | 0,042 | | 2,067 | | | | | | 7,301 |

60 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

61 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

### *3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,608 | 0,608 | 0,760 | 0,760 | 0,912 | **3,648** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,055 | 0,107 | 0,107 | - | - | **0,269** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,663 | 0,715 | 0,867 | 0,760 | 0,912 | **3,917** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[1] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | - | - | - | - | - | **-** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | - | - | 0,192 | 0,042 | 0,067 | **0,301** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | - | - | 0,192 | 0,042 | 0,067 | **0,301** |
| **TOTAL** | **0,663** | **0,715** | **1,059** | **0,802** | **0,979** | **4,218** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ÿ Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 4 | 4 | 5 | 5 | 6 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **Ÿ Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)[1]** | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | |
| XX 01 xx yy zz [2] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **TOTAL** | | **4** | **4** | **5** | **5** | **6** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Huma meħtieġa riżorsi tal-HR addizzjonali għal:<br>- Abbozzar legali u approvazzjoni ta' emendi ta' leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni dettaljati dwar l-irkant; Reġistru tal-Unjoni; monitoraġġ u rapportar; verifika tar-rapporti;<br>- Kompiti ta' implimentazzjoni relatati mal-estensjoni tas-settur tal-art biex jiġu inklużi l-emissjonijiet agrikoli mhux tas-$CO_2$;<br>- Monitoraġġ tal-implimentazzjoni mtejba u msaħħa tal-obbligi ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV); superviżjoni tax-xogħol mill-EEA<br>- Analiżi Kummerċjali għall-adattamenti tal-IT u għall-operazzjoni sussegwenti minn dakinhar 'il quddiem tal-elementi l-ġodda fir-Reġistru tal-Unjoni. Intelligence Kummerċjali u Obbligi ta' rapportar. Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti u koordinazzjoni ta' riżorsi ġodda tas-Service Desk. |

| | |
|---|---|
| Persunal estern | |

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ✓ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| li n-nefqa se tiġġarrab fi ħdan il-pakkett LIFE |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ✓ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[62] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu ……. | | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

[62] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA "AĠENZIJI"**

# Werrej


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 52
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 52
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 52
1.3. Il-proposta tirrigwardja ..... 52
1.4. Objettiv(i) ..... 52
1.4.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 52
1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 52
1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 55
1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 55
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 55
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 55
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 56
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 57
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 57
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 58
1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 59
1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i ..... 59
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 60
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..... 60
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 60
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 60
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 60
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..... 60

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet ..... 61
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA..... 61
3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ..... 61
3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa..... 62
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa ..... 62
3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-[korp] ..... 64
3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-[korp]..... 65
3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ..... 68
3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi..... 68
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul..... 69

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA "AĠENZIJI"

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 […]

#### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Azzjoni Klimatika

Intestatura 3 Riżorsi naturali u Ambjent Titolu 9 – Ambjent u Azzjoni Klimatika (QFP 2021/27)

#### 1.3. Il-proposta tirrigwardja

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[63]

✓ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

#### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Li jiġi emendat ir-Regolament 2018/841 dwar il-LULUCF b'mod proporzjonat mal-ambizzjoni klimatika għall-2030 biex sal-2030 jintlaħaq tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 u bi trajettorja gradwali u bbilanċjata lejn in-newtralità klimatika sal-2050, b'mod kosteffettiv u koerenti filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' tranżizzjoni ġusta u l-ħtieġa li s-setturi kollha jikkontribwixxu għall-isforzi klimatiċi tal-UE.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru 1

Settur tal-art newtrali għall-klima sal-2035: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2018 "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd" tagħmilha ċara li neħtieġu żieda sinifikanti fl-assorbimenti tal-karbonju jekk irridu niksbu n-newtralità klimatika fl-2050. Għaldaqstant, biex tkun fit-triq it-tajba lejn in-newtralità klimatika fl-2050, l-UE jeħtieġ li treġġa' lura t-tnaqqis reċenti fl-assorbimenti bbażati fuq l-art u tibda timplimenta azzjonijiet biex iżżid l-assorbimenti diġà

[63] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

f'dan id-deċennju, sabiex tikkontabbilizza ż-żminijiet twal meħtieġa għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima bbażata fuq l-art.

**Objettiv għall-EEA:** Kontrolli addizzjonali għall-kwalità fuq l-inventarji tal-emissjonijiet tal-agrikoltura u tal-LULUCF, inkluż kontrolli għall-konsistenza bejn id-*data* tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-UE u tal-Istati Membri u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni tal-karbonju.

*Azzjonijiet:*

*B'aspettattivi ogħla fir-rigward tal-metodi li għandhom jintużaw mill-Istati Membri, l-ammont ta' informazzjoni li għandha tiġi kkontrollata għall-kwalità matul il-kontrolli inizjali tal-inventarji tal-LULUCF se jiżdied, filwaqt li l-perjodu ta' żmien biex jitwettqu dawn il-kontrolli se jibqa' l-istess.*

*Se jkun meħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza bejn id-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Istati Membri u l-informazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-karbonju fil-livell tal-azjendi agrikoli (f'każ li tiġi adottata leġiżlazzjoni).*

*Mill-2024: l-integrazzjoni tal-proċess QA/QC agrikolu mhux tas-$CO_2$ sabiex ikun jista' jsir kontroll konsistenti fuq id-data tal-inventarju tal-emissjonijiet tal-agrikoltura u tal-LULUCF, bi tħejjija għall-implimentazzjoni tas-settur tal-art ikkombinat.*

Objettiv speċifiku Nru 2

Qafas ta' politika dwar il-klima ġust, flessibbli u integrat għas-settur tal-art: Peress li l-opportunitajiet biex jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju huma mqassma b'mod mhux uniformi madwar l-Istati Membri, u l-multifunzjonalità tal-art toħloq sinerġiji u kompromessi, ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-LULUCF se tkun meħtieġa tiżgura qafas ta' politika ġust, flessibbli, u integrat.

**Objettiv għall-EEA:** Jiġi appoġġat ir-rieżami komprensiv tal-inventarji tal-emissjonijiet tas-settur tal-agrikoltura u tal-LULUCF

*Azzjonijiet: tistabbilixxi u taġixxi bħala segretarjat tar-rieżami biex, flimkien ma' rieżaminaturi kuntrattati, twettaq rieżamijiet komprensivi tas-settur tal-agrikoltura u tal-LULUCF kemm għall-istabbiliment tal-miri tal-konformità (2025) kif ukoll għat-twettiq tal-kontroll tal-konformità mal-miri (2027 u 2032).*

Objettiv speċifiku Nru 3

Simplifikazzjoni tar-regoli tal-LULUCF: ir-regoli attwali tal-LULUCF ħafna drabi huma kumplessi u ma għadhomx meħtieġa minħabba l-formulazzjoni l-ġdida tal-mira ta' -55 %; abbażi tat-tagħlimiet meħuda, b'mod partikolari fir-rigward tal-iffissar tal-FRLs, jistgħu jiġu ottimizzati u ssimplifikati għadd ta' kunċetti kontabilistiċi. Bir-regolament rivedut dwar il-LULUCF li jimplimenta metodoloġiji ta' livell ogħla għall-Istati Membri, u b'mod partikolari biex issir distinzjoni aħjar bejn tipi differenti ta' żoni tal-art f'artijiet b'ħażna għolja ta' karbonju, f'żoni taħt protezzjoni u f'żoni taħt riskju ta' tibdil fil-klima, jeħtieġ li jiġu dderivati settijiet tad-*data* ġeospazjali addizzjonali biex jiġu appoġġati l-Istati Membri. Dan jista' jnaqqas il-kostijiet tal-implimentazzjoni u jtejjeb l-integrazzjoni tas-settur tal-LULUCF fl-istrateġiji klimatiċi nazzjonali globali. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rapportar iridu jirriflettu aħjar il-prestazzjoni klimatika tas-settur.

**Objettiv għall-EEA:** Jiġi ffaċilitat it-traċċar ġeografiku mtejjeb u annwali tar-raggruppamenti tal-karbonju u jiġi żviluppat sett tad-*data* pan-Ewropew għat-traċċar u l-valutazzjoni tal-

progress; Jiġi ssalvagwardjat li ż-żieda fl-assorbimenti tal-karbonju ma twassalx għal impatt negattiv fuq l-ambjent

*Azzjonijiet:*

*L-appoġġ lill-Istati Membri fl-użu ta' din id-data (bini tal-kapaċitajiet), li jippermetti li tiġi pprovduta valutazzjoni pan-UE ta' dawn iż-żoni tal-art u li jintużaw dawn iż-żoni tal-użu tal-art stratifikati matul il-QA/QC u l-proċess ta' rieżami tad-data tal-Istati Membri*

*L-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' valutazzjoni biannwali biex jiġi ssalvagwardjat li ż-żieda fid-domanda għall-assorbimenti tal-karbonju fis-settur tal-agrikoltura u tal-LULUCF ma twassalx għal impatti negattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-bijodiversità.*

*It-tħejjija ta' valutazzjonijiet regolari tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-istat tal-forestrija u tal-agrikoltura biex tiġi salvagwardjata l-kapaċità tas-setturi fir-rigward tal-bjar tas-$CO_2$.*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

L-aktar impatt importanti tar-reviżjoni se jkun żieda fl-assorbimenti tal-LULUCF, biex jittejjeb il-kontribut tas-settur għall-mira klimatika aktar ambizzjuża tal-UE għall-2030 imħabbra fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika (-55 %). Dan huwa marbut mal-ewwel objettiv ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt, settur tal-art newtrali għall-klima sal-2035. Dan l-impatt jaffettwa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, li se jkunu meħtieġa jfasslu politiki ambizzjuži dwar l-art biex jilħqu dawn il-miri, u lil dawk li jiġġestixxu l-art (bdiewa, dawk li jiġġestixxu l-foresti) li se jkunu l-atturi fil-prattika; b'mod aktar ġenerali, dan l-impatt jaffettwa liċ-ċittadini Ewropej u globali kollha, peress li l-azzjoni klimatika hija ben pubbliku ta' natura transfruntiera.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Indikatur nru 1: livell ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE fl-2030 (mira ta' tnaqqis nett b'55 % meta mqabbla mal-1990, kif imnaqqax fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima).

Indikatur nru 2: livell tal-assorbimenti ta' gassijiet serra fis-setturi tal-LULUCF fl-2030 (mira ta' assorbimenti ta' 3XXMtCO2eq fl-2030)

Indikatur nru 3: mira tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art ikkombinat (is-setturi tal-LULUCF u tal-agrikoltura mhux tas-$CO_2$) fl-2035.

Il-livelli ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE huma rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 u leġiżlazzjoni sekondarja oħra relatata mal-monitoraġġ u mar-rapportar skont ir-Regolament dwar il-LULUCF.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u l-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti.

Barra minn hekk, wara l-bidla fl-2026 tal-mekkaniżmu ta' rapportar u ta' konformità, l-implimentazzjoni se tirrikjedi forniment imtejjeb u msaħħaħ ta' monitoraġġ permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ta' servizzi relatati tad-*data* taħt il-programm Copernicus.

Ir-regolament rivedut dwar il-LULUCF jistabbilixxi miri ambizzjuži u kredibbli għas-settur tal-LULUCF u dak agrikolu biex jappoġġa l-kisba ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-proposta riveduta għal regolament dwar il-LULUCF għandha l-għan li żżid is-sekwestru tal-karbonju fis-setturi tal-agrikoltura u tal-LULUCF, bil-għan tan-newtralità karbonika taż-żewġ setturi kkombinati sal-2035. Fl-istess ħin, din jenħtieġ li tiżgura li din iż-żieda fl-assorbimenti tas-$CO_2$ ma twassalx għal impatti negattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-bijodiversità, fuq is-saħħa pubblika jew fuq l-objettivi soċjali jew ekonomiċi.

Għalhekk, ir-regolament rivedut dwar il-LULUCF se jirrikjedi lill-Istati Membri jużaw metodoloġiji aktar preċiżi biex jistmaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti mis-setturi tal-agrikoltura u tal-LULUCF tagħhom, inkluż billi jagħmlu aktar użu minn *data* ġeospazjali biex jappoġġaw dawn il-kalkoli ta' livell ogħla. B'mod partikolari, sabiex ikunu jistgħu jiġu

identifikati u ttrekkjati r-raggruppamenti tal-karbonju f'artijiet b'ħażna għolja ta' karbonju, f'żoni taħt protezzjoni u f'żoni taħt riskju ta' tibdil fil-klima, se jkunu meħtieġa metodoloġiji ta' livell għoli li jirrikjedu settijiet tad-*data* u servizzi armonizzati f'waqthom, standardizzati u tal-UE, applikati f'konformità mal-linji gwida tal-IPCC.

Bħala konsegwenza ta' din il-bidla minn regolament ta' "regola ta' ebda dejn" lejn kontribut tal-emissjonijiet netti tas-settur tal-LULUCF għall-mira klimatika globali tal-UE, li se tibda topera mis-sena 2026, se jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti miri tal-konformità li jirrikjedu rieżamijiet komprensivi addizzjonali tal-inventarju tal-gassijiet serra. Dan se jirrikjedi fażi preparatorja matul l-2024/25.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali u l-azzjoni tal-UE tista' tikkomplementa u ssaħħaħ b'mod effettiv l-azzjoni reġjonali, nazzjonali u lokali. Iż-żieda fil-mira tal-2030 għat-tnaqqis fil-gassijiet serra tal-UE se jkollha impatt fuq ħafna setturi fl-ekonomija kollha tal-UE u għalhekk, azzjoni koordinata fil-livell tal-UE hija indispensabbli u għandha ċans ħafna akbar li twassal għat-trasformazzjoni meħtieġa, filwaqt li taġixxi bħala fattur ewlieni b'saħħtu għal bidla kosteffiċjenti u għal konverġenza 'l fuq.

Minbarra l-kapaċità tagħha li taħżen u li tissekwestra l-karbonju, l-art tipprovdi ħafna prodotti u servizzi importanti oħrajn: tforni lis-setturi tal-bijoekonomija bl-ikel, bl-għalf u bil-materja prima, tipprovdi ħabitats għall-bijodiversità u ħafna servizzi tal-ekosistema vitali għall-ħajja (eż. il-purifikazzjoni tal-ilma u tal-arja), u tipproteġina minn xi wħud mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima (eż. l-għargħar u d-deżertifikazzjoni). L-interdipendenza bejn dawn il-funzjonijiet u l-kapaċità tas-settur tal-LULUCF li jissekwestra l-karbonju mill-atmosfera titlob approċċ integrat għall-azzjoni klimatika fis-settur tal-art, sabiex jiġi ottimizzat l-ippjanar tal-użu tal-art u jiġu identifikati prattiki ta' benefiċċju reċiproku.

Barra minn hekk, il-potenzjal li jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq l-art u l-kostijiet assoċjati huwa mqassam b'mod mhux uniformi madwar l-Istati Membri. Fattur ewlieni huwa ż-żona disponibbli għall-azzjoni klimatika, li tiddependi minn fatturi topografiċi jew ekonomiċi. Barra minn hekk, it-tip ta' ħamrija u użu tal-art, flimkien ma' fatturi u latitudni oħrajn relatati mal-klima, kollha jaffettwaw il-potenzjal li jittejbu l-assorbimenti.

Ir-regolament rivedut dwar il-LULUCF se jkun meħtieġ li jiġi appoġġat minn sistema robusta u trasparenti ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV) li se jkollha tmur lil hinn mis-sistema ta' MRV attwali stabbilita bir-regolament eżistenti dwar il-LULUCF. Dan se jkun meħtieġ ukoll li jkun jista' jagħmel ir-rabta bejn l-għażliet tal-ġestjoni tal-art li jkunu saru fis-settur tal-agrikoltura u tal-LULUCF u l-impatt fuq is-sekwestru tal-karbonju u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

Bħalissa, hemm disponibbli riżorsi limitati tal-EEA għall-appoġġ tal-MRV tal-inventarju tal-emissjonijiet tal-LULUCF, skont ir-rekwiżit stabbilit fir-Regolamenti UE 2018/841 (ir-Regolament dwar il-LULUCF) u UE 2018/1999 (ir-Regolament dwar il-Governanza)

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ir-Regolament dwar il-LULUCF huwa strument ta' politika eżistenti tal-UE adottat reċentement fl-2018. Madankollu, il-Kummissjoni ilha li kisbet esperjenza siewja mill-2013, meta d-Deċiżjoni 529/2013[64] daħlet fis-seħħ u rrikjediet lill-Istati Membri jwettqu kontabbiltà sostituta għall-art fit-territorji tagħhom. Is-servizzi tal-Kummissjoni u l-EEA għandhom esperjenza diretta fl-evalwazzjoni, bid-disponibbiltà tar-riżorsi attwalment limitata (minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-qafas regolatorju attwali fil-LULUCF), tal-inventarji tal-LULUCF tal-Istati Membri. Din l-esperjenza żvelat direttament id-diskrepanzi u l-isforz ta' aġġornament meħtieġ biex tiġi mmodernizzata bis-sħiħ il-konformità tal-inventarju, bl-użu ta' għodod u servizzi mibnija permezz ta' programmi tal-UE ġestiti mill-EEA (l-aktar Copernicus).

Għalhekk, din il-proposta tibni fuq l-esperjenza miġbura f'dawn l-inizjattivi regolatorji preċedenti, kif ukoll fuq il-Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, l-Istrateġija fit-Tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima u inizjattivi rilevanti oħrajn tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħall-Ewropa Diġitali. L-inizjattiva tibni wkoll fuq il-proċess ibbażat fuq il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u l-qafas li jinsab fir-Regolament dwar il-Governanza u li se jifforma parti ewlenija mill-eżerċizzju futur tal-iffissar tal-miri. […]

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta hija parti mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" dwar il-klima u l-enerġija. L-objettiv globali tal-pakkett huwa li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi allinjata maż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-UE. L-inizjattivi kollha fil-pakkett huma interkonnessi mill-qrib, u kull waħda tiddependi mit-tfassil tal-oħrajn. Din il-proposta leġiżlattiva tikkomplementa l-proposti li saru fil-pakkett u żżomm konsistenza magħhom.

Hemm ukoll interkonnessjonijiet b'saħħithom ma' inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura, it-titjib tar-reżiljenza tal-foresti tal-UE għat-tibdil fil-klima, ir-restawr ta' art u ekosistemi degradati, it-tixrib mill-ġdid ta' torbieri u l-promozzjoni tal-bijoekonomija, inkluż l-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità:

a) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[65];

b) L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[66];

c) L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti[67];

d) Il-Pjan tal-UE għar-Restawr tan-Natura;

e) L-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[68];

f) L-Istrateġija tal-UE biex Jitnaqqsu l-Emissjonijiet tal-Metan[69];

64 http://data.europa.eu/eli/dec/2013/529/oj
65 COM(2020) 380 final.
66 COM/2020/381 final.
67 […]
68 COM/2021/82 final.

g) [L-Istrateġija tal-UE għall-Ħamrija[70]];

h) Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa[71];

i) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva[72].

j) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero[73]

k) Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE[74]

Is-settur tal-LULUCF huwa konness mal-ekosistemi u mal-attivitajiet ekonomiċi kollha li jiddependu mill-art u mis-servizzi li dan jipprovdi. Għalhekk, ir-Regolament dwar il-LULUCF jippreżenta sinerġiji ma' politiki oħrajn tal-UE li jkopru attivitajiet relatati mal-art, prinċipalment il-Politika Agrikola Komuni[75] u l-politika dwar l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

-

69 COM/2020/663 final.
70 […]
71 COM/2018/673 final
72 COM/2020/98 final.
73 COM/2021/400 final
74 […]
75 […]

**1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

☐ **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☐ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

**1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i[76]**

✓ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

✓ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

| |
|---|
| Il-Kummissjoni se tiġi appoġġata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) kif deskritt hawn fuq f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali tagħha. L-EEA se twettaq din il-ħidma bħala parti mill-mandat attwali tagħha u f'konformità mad-"Dokument Uniku ta' Programmazzjoni", li jistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali u annwali tal-EEA (l-Artikolu 32 tar-Regolament 2019/715 – ir-Regolament Finanzjarju Qafas). |

[76] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tevalwa l-progress fl-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-LULUCF, li jirrikjedi lill-Istati Membri jressqu quddiem il-Kummissjoni rapportar annwali dwar il-politiki u l-miżuri għall-emissjonijiet u l-assorbimenti. Id-*data* dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika (MRV) miksuba permezz tar-regolamentazzjoni tas-settur(i) permezz tal-EEA se tkun sors ewlieni ta' informazzjoni għall-Kummissjoni biex tevalwa l-progress fis-setturi kkonċernati.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni twettaq regolarment studji dwar diversi aspetti pertinenti tal-politika tal-UE dwar il-klima.

[…]

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Mhux applikabbli - Il-proposta ma hijiex qed timplimenta programm finanzjarju iżda qed tfassal politika fit-tul. Il-mod ta' ġestjoni, il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll fir-rigward tar-rati ta' żball ma humiex applikabbli. L-implimentazzjoni ta' din il-proposta se tirrikjedi ir-riallokazzjoni tar-riżorsi umani fi ħdan il-Kummissjoni. Proċeduri xierqa huma fis-seħħ.

[…]

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

[…]

[…]

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Din l-inizjattiva ma toħloqx kontrolli/riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. Ma ġiet prevista l-ebda miżura speċifika lil hinn mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Għall-fini tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta'Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) japplikaw għall-EEA mingħajr l-ebda restrizzjoni. L-EEA għandha strateġija dedikata kontra l-frodi u pjan ta' azzjoni li jirriżulta minnha. Barra minn hekk, ir-Regolament li jistabbilixxi l-EEA jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit tal-EEA u r-regoli finanzjarji applikabbli, inkluż dawk immirati biex jipprevjenu l-frodi u l-irregolaritajiet.

# 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[1] | mill-pajjiżi tal-EFTA[2] | mill-pajjiżi kandidati[3] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 09 02 03 | Diff. | IVA | LE | LE | LE |
| 3 | 09 10 02 | Diff. | IVA | IVA | IVA | LE |
| 7 | 20 01 02 01 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 01 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 02 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 03 | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba: mhux applikabbli

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3 | Riżorsi Naturali u Ambjent |
|---|---|---|

| [Korp]: EEA | | | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | | 1,967 | 2,006 | 2,046 | 2,087 | **8,106** |
| | Pagamenti | (2) | | 1,967 | 2,006 | 2,046 | 2,087 | **8,106** |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | | 0,177 | 0,181 | 0,184 | 0,198 | **0,740** |
| | Pagamenti | (2a) | | 0,177 | 0,181 | 0,184 | 0,198 | **0,740** |
| Titolu 3: | Impenji | (3a) | | 0,153 | 1,156 | 0,159 | 1,162 | **2,631** |
| | Pagamenti | (3b) | | 0,153 | 1,156 | 0,159 | 1,162 | **2,631** |
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet għall-EEA** | Impenji | =1 + 1a + 3a | | **2,297** | **3,343** | **2,390** | **3,447** | **11,476** |
| | Pagamenti | =2 + 2a +3b | | **2,297** | **3,343** | **2,390** | **3,447** | **11,476** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | **"Nefqa amministrattiva"** |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| DĠ: CLIMA | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi Umani | 0,608 | 0,608 | 0,760 | 0,760 | 0,912 | **3,648** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,055 | 0,107 | 0,107 | - | - | **0,269** |
| **TOTAL għad-DĠ CLIMA** | 0,663 | 0,715 | 0,867 | 0,760 | 0,912 | **3,917** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | **0,663** | **0,715** | **0,867** | **0,760** | **0,912** | **3,917** |

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali *** | Impenji | 0,663 | 3,012 | 4,209 | 3,150 | 4,359 | **15,393** |
| | Pagamenti | 0,663 | 3,012 | 4,209 | 3,150 | 4,359 | **15,393** |

* L-impatt baġitarju tar-riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se jiġi kkumpensat permezz ta' tnaqqis kumpensatorju mill-baġit LIFE.

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-[korp]*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[77] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2[78]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - rieżami | | | | | | 1M | | | | 1M | | | | | | | | 2M |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[77] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[78] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

*3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-[korp]*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | | 1,636 | 1,669 | 1,702 | 1,736 | **6,742** |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | - | - | - | - | **-** |
| Persunal bil-Kuntratt | | 0,331 | 0,338 | 0,344 | 0,351 | **1,364** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | - | - | - | - | **-** |
| **TOTAL** | | **1,967** | **2,006** | **2,046** | **2,087** | **8,106** |

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

| | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | 4 | 8 | 8 | 8 | 8 | **36** |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | | | **0** |
| Persunal bil-Kuntratt | 1 | 3 | 3 | 3 | 3 | **13** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | **0** |
| **TOTAL** | **5** | **11** | **11** | **11** | **11** | **49** |

Jekk jogħġbok indika d-data tar-reklutaġġ ippjanat u adatta l-ammont kif xieraq (jekk ir-reklutaġġ iseħħ f'Lulju, 50 % biss tal-kost medju tiġi kkunsidrata) u agħti aktar spjegazzjonijiet.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iktar l-iktar għal pożizzjoni deċimali waħda))*

| | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 4 | 4 | 5 | 5 | 6 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji bażitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)[1]** | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | |
| XX 01 xx yy zz [2] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji bażitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **TOTAL** | | **4** | **4** | **5** | **5** | **6** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet bażitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Huma meħtieġa riżorsi tal-HR addizzjonali għal:<br>- Abbozzar legali u approvazzjoni ta' emendi ta' leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni dettaljati dwar l-irkant; Reġistru tal-Unjoni; monitoraġġ u rapportar; verifika tar-rapporti;<br>- Kompiti ta' implimentazzjoni relatati mal-estensjoni tas-settur tal-art biex jiġu inklużi l-emissjonijiet agrikoli mhux tas-$CO_2$;<br>- Monitoraġġ tal-implimentazzjoni mtejba u msaħħa tal-obbligi ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV)<br>- Adattamenti tal-IT fir-Reġistru tal-Unjoni (flimkien mal-ETS) |
| Persunal estern | |

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li tiġi inkluża fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>L-impatt baġitarju tar-riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se jiġi kkumpensat permezz ta' tnaqqis kumpensatorju mill-baġit LIFE. Iż-żieda fil-kontribut u fit-tnaqqis tal-UE tal-EEA fil-baġit LIFE se tiġi riflessa fil-programmazzjoni finanzjarja għas-snin futuri. |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[79].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>[…] |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | |

[79] Ara l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2093/2020 tas-17 ta Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – ☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[80] | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| L-Artikolu ……. | | | | | | |

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

[80] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.